VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 17 tal-2015**

## ATT DWAR L-I*SPORT*
## (KAP. 455)

### Regolamenti tal-2015 tal-*Anti-Doping*

BIS-SAĦĦA ta' setgħat mogħtija bl-artikoli 6(1)(n) u 53 tal-Att dwar l-Isports, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isport għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-regolamenti tal-2015 tal-*Anti-Doping*.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2015.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Kodici jew sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"ADAMS" tfisser is-sistema tal-amministrazzjoni u ġestjoni tal-*anti-doping* immexxija mill-WADA;

"amministrazzjoni" tfisser il-provvediment u l-forniment, is-sorveljar, l-iffaċilitar jew ukoll il-parteċipazzjoni fl-użu jew l-użu tentattiv minn persuna oħra ta' sustanza projbita jew metodu projbit. Iżda, din it-tifsira ma għandhiex tinkludi l-azzjonijiet bona fide ta' persunal mediku li tkun tinvolvi sustanza projbita jew metodu projbit użati għall-finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra u ma għandhomx jinkludu l-azzjonijiet li jinvolvu sustanzi pprojbiti li mhumiex ipprojbiti fl-ittestjar li jsir *out-of-competition* sakemm iċ-ċirkostanzi kollha kemm huma juru li dawn is-sustanzi pprojbiti mhumiex intiżi għall-finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew huma intiżi sabiex itejbu prestazzjoni tal-i*sport*;

"assistenza sostanzjali" tfisser persuna li tipprovdi assistenza li tiżvela kompletament f'dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata, l-informazzjoni kollha li din il-persuna jkollha dwar ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, u tikkopera bis-sħiħ mal-investigazzjoni u għoti ta' sentenzi ta' kull każ relatat ma' dik l-informazzjoni, u għandha tinkludi l-preżentazzjoni ta' xhieda fi proċeduri ta' smigħ, jekk din tkun mitluba tagħmel hekk minn organizzazzjoni tal-*anti-doping* jew mill-elenku tas-smigħ. L-informazzjoni provduta għandha tkun kredibbli u għandha tikkonsisti f'parti importanti minn kull każ li ngħata l-bidu tiegħu, jew, jekk f'każ li l-ebda każ ma nfetaħ, għandha

tkun provdiet bażi suffiċjenti li fuqha seta' jitressaq każ;

"assoċjazzjoni nazzjonali" tfisser entità nazzjonali li hi rreġistrata u rikonoxxuta mill-Kunsill bħala l-entità li tirregola l-i*sport* f'Malta;

"atleta" tfisser kull persuna li tipparteċipa fi sport fuq livell internazzjonali kif imfisser minn kull federazzjoni internazzjonali, jew fuq livell nazzjonali, kif imfisser minn kull organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping*. Il-KAD għandha d-diskrezzjoni tapplika regoli tal-*anti-doping* ukoll lil atleta li mhuwiex atleta ta' livell internazzjonali jew atleta ta' livell nazzjonali, sabiex iġġib lil dan l-atleta fid-definizzjoni ta' "atleta." Għal dawk l-atleti li mhumiex atleti ta' livell internazzjonali jew livell nazzjonali, il-KAD tista' tagħżel li: tikkonduċi ittestjar limitat jew ma tikkonduċix testijiet; tanalizza kampjuni għal inqas mill-*menu* sħiħ ta' sustanzi projbiti; tirrikjedi *whereabouts information* limitati jew ma tirrikjedix *whereabouts information*; jew ma tirrikjedix *TUE*'s bil-quddiem. Madanakollu, jekk atleta, li huwa taħt il-ġurisdizzjoni tal-KAD, u jkun jikkompeti f'livell inferjuri għal dak internazzjonali jew nazzjonali, jikkommetti ksur tar-regolament 3(2)(a), (ċ) jew (e), il-konsegwenzi msemmija f'dawn ir-regolamenti għandhom jiġu applikati. Għall-fini tar-regolament 3(2)(i) u (j) (minbarra r-regolament 15(7)), u għall-finijiet ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar l-*anti-doping*, kull persuna li tipparteċipa fi sport taħt l-awtorità ta' kull firmatarju, gvern, jew organizzazzjoni sportiva oħra li taċċetta l-Kodiċi, hi atleta;

"atleta ta' livell nazzjonali" tfisser atleta li jikkompeti fi sport fuq livell nazzjonali, kif imfisser mill-organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping* konsistenti mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

"atleta ta' livell internazzjonali" tfisser atleta li jikkompeti fi sport fuq livell internazzjonali, kif imfisser minn kull federazzjoni internazzjonali, konsistenti mal-istandard Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

Kap. 455. "Att" tfisser l-Att dwar l-I*sport*;

"avveniment" tfisser serje ta' kompetizzjonijiet individwali mmexxija flimkien taħt organizzazzjoni regolatorja waħda;

"avveniment internazzjonali" tfisser avveniment jew kompetizzjoni fejn organizzazzjoni sportiva internazzjonali hija l-korp regolatorju għall-avveniment jew li taħtar l-uffiċjali tekniċi għall-avveniment;

"avveniment nazzjonali" tfisser avveniment sportiv jew

kompetizzjoni li jinvolvi fih atleti ta' livell internazzjonali jew nazzjonali li ma jkunx avveniment internazzjonali;

"CAS" tfisser il-Qorti tal-Arbitraġġ għall-I*sport*;

"*doping*" tfisser l-okkorrenza ta' waħda jew aktar ksur tar-regoli tal-*anti-doping* imsemmija fir-regolament 3;

"ebda tort jew negliġenza" tfisser il-preżentazzjoni ta' provi mill-atleta jew persuna oħra li hu ma kienx jaf jew ma ssuspettax, u ma setax ikun jaf jew jissuspetta b'mod raġjonevoli, anki bl-eżerċizzju tal-aktar kawtela, li hu uża jew ingħata sustanza projbita jew metodu projbit jew li kiser regola tal-anti-doping. Għal kull ksur taħt ir-regola 3(2)(a), l-atleta, jekk ma jkunx minuri, għandu jistabbilixxi ukoll kif is-sustanza projbita daħlet fis-sistema tiegħu;

"ebda tort jew negliġenza sinifikanti" tfisser il-preżentazzjoni ta' provi mill-atleta jew persuna oħra li t-tort jew negligenza tiegħu, meta wieħed jezamina t-totalità taċ-ċirkostanzi u b'konsiderazzjoni tal-kriterji tal-ebda tort jew negligenza, ma kinux sinifikanti fir-relazzjoni mal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Għal kull ksur taħt ir-regola 3(2)(a), l-atleta, jekk ma jkunx minuri, għandu jistabbilixxi ukoll kif is-sustanza projbita daħlet fis-sistema tiegħu;

"*panel* nazzjonali dixxiplinarju tal-*anti-doping*" tfisser il-panel appuntat mill-gvern jew mill-Kunsill sabiex jiġġudika fuq ksur allegat ta' dawn ir-regolamenti, sakemm is-CAS mhijiex preferita;

"*panel* nazzjonali tal-appell tal-*anti-doping*" tfisser il-*panel* appuntat mill-Gvern jew mill-Kunsill sabiex jaġġudika appelli minn deċiżjonijiet tal-*panel* nazzjonali dixxiplinarju tal-*anti-doping*;

"firmatarji" tfisser dawk l-entitajiet li jiffirmaw il-Kodiċi u jaqblu li jkunu konformi mal-Kodiċi;

"*in-competition*" tfisser il-perjodu li jibda tnax-il siegħa qabel kompetizzjoni li fiha l-atleta hu ppjanat li jipparteċipa sal-aħħar ta' din il-kompetizzjoni u l-proċess tal-gbir tal-kampjun relatat ma' din il-kompetizzjoni, kemm-il darba ma jkunx stipulat mod ieħor fir-regolamenti tal-Federazzjoni Internazzjonali jew il-korp regolatorju tal-avveniment in kwistjoni;

"ineliġibbiltà" tfisser li l-atleta jew persuna oħra jkunu projbiti għall-perjodu ta' zmien speċifikat milli jieħdu sehem f' xi kompetizzjoni jew attività oħra jew għal fondi kif stipulat f'regola 11(20) minħabba ksur tar-regola tal-anti-doping. Tali atleta jew persuna oħra ma tistax titħarreġ, tieħu sehem f'eżibizzjonijiet jew

kompetizzjonijiet, organizzati minn kull firmatarju tal-Kodiċi, organizzazzjoni li hija membru tal-firmatarju, jew klabb jew organizzazzjonijiet membri oħra ta' organizzazzjoni membru tal-firmatarju, jew f'kompetizzjonijiet awtorizzati jew organizzati minn kull lega professjonali jew kull organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' livell internazzjonali jew nazzjonali jew kull attività sportiva ta' livell nazzjonali jew elite illi hija ffinanzjata minn aġenzija governattiva. Oltre dan, atleta jew persuna, li tkun qed tiskonta perjodu ta' ineliġibbiltà, ma tistax isservi bħala uffiċjal, direttur, impjegat jew voluntier tal-organizzazzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, jew tipparteċipa fi kwalunkwe dixxiplina sportiva oħra;

"ittestjar" tfisser il-partijiet tal-proċess tal-kontroll tad-doping li jinvolvu l-ippjanar tad-distribuzzjoni ta' testijiet, ġbir ta' kampjuni, immaniġġjar ta' kampjuni, u trasport ta' kampjuni lejn laboratorji;

"KAD" tfisser il-Kummissjoni tal-*Anti-Doping* maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Isport biex tissorvelja l-aspetti kollha tal-Programm tal-*Anti-Doping* tal-organizzazzjoni tal-*anti-doping* (NADO) skont l-istandard internazzjonali għat-testijiet. Il-Kummissjoni tal-*Anti-Doping* għandha tkun magħmula minn *chairperson* u minimu ta' tliet sa massimu ta' ħames membri oħra b'kompetenza fil-qasam tal-*anti-doping*;

"kampjun" tfisser kull materjal bijoloġiku miġbur għall-finijiet tal-kontroll tad-*doping*;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi Dinji tal-*Anti-Doping* li ġie adottat għall-ewwel darba mill-WADA fil-5 ta' Marzu 2003 u kull emenda sussegwenti;*

"kompetizzjoni" tfisser tellieqa, partita, logħba jew konkors sportiv waħdieni. Għal tlielaq fi stadji jew konkorsi sportivi oħra fejn jingħataw premijiet kuljum jew fuq bażi oħra temporanja, id-distinzjoni bejn kompetizzjoni u avveniment tkun dik stipulata fir-regolamenti tal-Federazzjoni Internazzjonali applikabbli;

"konsegwenzi finanzjarji" tfisser sanzjoni finanzjarja imposta għal ksur ta' regola tal-*anti-doping* jew l-irkupru ta' spejjeż assoċjati ma' ksur ta' regola tal-*anti-doping*;

"konsegwenzi għall-ksur tar-regolamenti tal-*anti-doping*" jew "konsegwenzi" tfisser ksur minn atleta jew persuna oħra tar-regola tal-*anti-doping* li tista' twassal għal skwalifika, ineliġibbiltà, sospensjoni provviżorja, konsegwenzi finanzjarji jew l-iżvelar lill-

* http://www.wada-ama.org/

pubbliku;

"kontroll tad-*doping* " tfisser l-istadji u l-proċessi kollha mill-ippjanar tad-distribuzzjoni tat-testijiet sad-disposizzjoni finali ta' kull appell inklużi l-istadji u l-proċessi kollha applikabbli fl-intervall, inkluża l-provvista tal-*whereabouts information*, ġbir u mmaniġġjar ta' kampjuni, analizi f'laboratorji, TUEs, ġestjoni ta' riżultati u seduti tas-smigħ;

"Konvenzjoni tal-UNESCO" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-*Doping* fl-Isport adotatta mit-33 sessjoni tal-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO fid-19 ta' Ottubru 2005 inklużi l-emendi kollha adottati mill-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-*Doping* fl-Isport;

"Kumitat Olimpiku Nazzjonali" tfisser l-organizzazzjoni rikonoxxuta mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Isport li gie mwaqqaf skont l-artikolu 4 tal-Att;

"lista projbita" tfisser il-lista tal-WADA li tidentifika s-sustanzi projbiti u l-metodi projbiti kif aġġornata minn żmien għal żmien;

"*marker*" tfisser kompost, grupp ta' komposti jew varjanti bijoloġiċi li jindikaw l-użu ta' sustanza projbita jew metodu projbit;

"metaboliti" tfisser kull sustanza prodotta permezz ta' proċess ta' bijotrasformazzjoni;

"metodu projbit" tfisser kull metodu kif deskritt fil-lista projbita;

"minuri" tfisser kull persuna naturali li għadha ma laħqitx l-età ta' tmintax-il sena;

"organizzazzjoni tal-*anti-doping*" tfisser firmatarju li hu responsabbli għall-adozzjoni tar-regolamenti tal-*anti-doping*, għall-introduzzjoni, għall-implimentazzjoni jew infurzar ta' kull parti tal-proċess tal-kontroll tad-*doping*;

"organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping*" tfisser l-entità jew entitajiet, nominata minn kull pajjiż, li għandha l-awtorità u responsabbiltà prinċipali sabiex tadotta u timplimenta r-regolamenti tal-*anti-doping*, tikkontrolla l-ġbir ta' kampjuni, il-ġestjoni tar-riżultati tat-testijiet, u t-tmexxija tas-seduti tas-smigħ, kollha fuq livell nazzjonali. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-KAD hija l-

entità maħtura;

"organizzazzjonijiet ta' avvenimenti maġġuri" tfisser assoċjazzjonijiet kontinentali ta' kumitati olimpiċi nazzjonali u organizzazzjonijiet multi-sportivi internazzjonali oħra li għandhom il-funzjoni ta' korp regolatorju għal kull avveniment kontinentali, reġjonali jew internazzjonali ieħor;

"*out-of-competition*" tfisser kull perjodu li mhux *in-competition*;

"parteċipant" tfisser kull atleta jew persunal tal-appoġġ tal-atleta;

"passaport bioloġiku tal-atleta" tfisser il-programm u l-metodi tal-ġbir u l-organizzazzjoni tad-*data* kif deskritt fl-istandard internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet u l-istandard internazzjonali tal-laboratorji;

"persuna" tfisser persuna naturali jew organizzazzjoni jew entità oħra;

"persunal tal-appoġġ tal-atleta" tfisser kowċ, trejner, maniġer, aġent, staff tat-tim, uffiċjal, persunal mediku, paramediku, ġenitur jew kull persuna oħra li taħdem ma', tikkura, jew tassisti atleta li jkun qed jipparteċipa f'kompetizzjoni sportiva jew iħejji ruħu għaliha;

"postijiet tal-avveniment" tfisser dawk il-postijiet magħżula mill-korp regolatorju tal-avveniment;

"prodott ikkontaminat" tfisser prodott li ikun fih sustanza projbita illi mhijiex żvelata fuq it-tikketta tal-prodott jew fl-informazzjoni disponibbli f'riċerka tal-internet raġjonevoli;

"programm ta' osservaturi indipendenti" tfisser tim ta' osservaturi, taħt is-superviżjoni tal-WADA, li josserva u jipprovdi gwida fil-proċess tal-kontroll tad-*doping* f'ċerti avvenimenti u jħejji rapporti fuq l-osservazzjonijiet tagħhom;

"pussess" tfisser il-pussess fiżiku, attwali, jew il-pussess kostruttiv, li għandu jinsab biss jekk il-persuna għandha l-kontroll esklussiv fuq is-sustanza projbita jew il-metodu projbit jew il-fond fejn tinsab is-sustanza projbita jew metodu projbit:

Iżda, jekk il-persuna ma għandhiex kontroll esklussiv fuq is-sustanza projbita jew metodu projbit jew il-fond fejn tinsab is-sustanza projbita, pussess kostruttiv għandu jinsab biss jekk il-persuna kienet taf bil-preżenza tas-sustanza projbita jew metodu projbit u kellha l-ħsieb li teżerċita l-kontroll fuqhom:

Iżda wkoll, ma jkun hemm l-ebda ksur tar-regoli tal-*anti-doping* fuq bażi ta' pussess biss, jekk, qabel ma tirċievi notifika ta' kull xorta, li l-persuna kkommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, il-persuna ħadet azzjoni konkreta li turi li l-persuna qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha l-pussess u rrinunzjat il-pussess billi tiddikjarah b'mod espliċitu lill-Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-doping*:

Iżda wkoll li minkejja kull ħaġa kontra din it-tifsira, ix-xiri, inkluż dak b'kull mezz elettroniku jew mezz ieħor, ta' sustanza projbita jew metodu projbit jikkostitwixxi pussess mill-persuna li tagħmel ix-xiri;

"*registered testing pool*" tfisser grupp ta' atleti tal-ogħla livell stabbilit separatament minn kull federazzjoni internazzjonali għal-livell internazzjonali, u mill-organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping* għal-livell nazzjonali, li huma soġġetti kemm għall-ittestjar *in-competition* kif ukoll għal dak *out-of-competition* bħala parti mill-pjan għad-distribuzzjoni ta' testijiet ta' dik il-federazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping* u għalhekk huma mitluba jipprovdu il-*whereabouts information* skont ir-regolament 6(18) u tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

"responsabbiltà stretta" tfisser ir-regola illi tistipula illi skont ir-regolament 3(2)(a) u (b), mhuwiex neċessarju li l-organizzazzjoni tal-*anti-doping* turi intenzjoni, tort, negliġenza, jew użu konsapevoli min-naħa tal-atleta sabiex jiġi stabbilit il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*;

"sejba analitika avversa" tfisser rapport minn laboratorju akkreditat mill-WADA jew laboratorju approvat mill-WADA li, b'konsistenza mal-istandard internazzjonali għall-laboratorji u dokumenti tekniċi relatati, jidentifika l-preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha f'kampjun, inklużi kwantitajiet għoljin ta' sustanzi indoġeniċi, jew evidenza tal-użu ta' metodu projbit;

"sejba atipika" tfisser rapport minn laboratorju akkreditat mill-WADA, jew laboratorju approvat mill-WADA, li jesiġi aktar investigazzjoni skont l-istandard internazzjonali għal laboratorji jew dokumenti tekniċi relatati qabel id-determinazzjoni ta' sejba analitika avversa;

"sejba tal-passaport avversa" tfisser rapport identifikat f'sejba tal-passaport avversa kif deskritt fl-I*standard* internazzjonali applikabbli;

"skwalifika" tfisser ir-riżultati ta' atleta f'kompetizzjoni jew avveniment partikolari jiġu invalidati, bil-konsegwenzi kollha riżultanti, inkluż it-telf ta' medalji, punti u premijiet;

"smigħ proviżorju" tfisser smigħ abbrevjat mingħajr dewmien li jsir qabel is-seduta tas-smigħ taħt ir-regolament 9 li jistipula li l-atleta jkun notifikat u jkollu l-opportunità li jagħti x-xhieda tiegħu bil-miktub jew bil-fomm;

"sospensjoni proviżorja" tfisser li l-atleta jew persuna oħra jkunu projbiti temporanjament milli jieħdu sehem f'kull kompetizzjoni jew attività qabel id-deċiżjoni finali fi proċeduri ta' smigħ li jsiru skont ir-regolament 9;

"sport individwali" tfisser kull sport li mhux *team sport*;

"standard internazzjonali" tfisser standard adottat mill-WADA b'appoġġ għall-Kodiċi. Konformità ma' standard internazzjonali b'kuntrast ma' standard, prattika jew proċedura oħra alternattiva għandha tkun suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-proċeduri indirizzati permezz tal-i*standard* internazzjonali twettqu b'mod xieraq. *Standards* internazzjonali għandhom jinkludu kull dokument tekniku maħruġ b'mod konformi mal-i*standard* internazzjonali;

"sustanza projbita" tfisser kull sustanza kif deskritta fil-lista projbita;

"sustanza speċifikata" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija taħt ir-regolament 5(3);

"*target testing*" tfisser l-għażla ta' atleti speċifiċi għall-ittestjar ibbażata fuq kriterji stabbiliti fl-istandard internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet;

"tbagħbis" tfisser bdil għal skopijiet mhux skont ir-regoli jew b'mod skorett, użu ta' influwenza mhux skont ir-regoli, indħil mhux skont ir-regoli, tfixkil, żgwidar, jew sehem fi kwalunkwe mġieba frawdolenti għall-bdil ta' riżultati jew għall-prevenzjoni ta' proċeduri normali milli jseħħu;

"*team sport*" tfisser sport li fih is-sostituzzjoni tal-plejers hi permessa matul kompetizzjoni;

"tentattiv" tfisser l-involviment xjentement fi mġieba li tikkostitwixxi pass sostanzjali f'linja ta' mġieba li tista' jew wasslet għall-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*; b'dan illi ma għandux ikun hemm ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ibbażat biss fuq tentattiv sabiex isir ksur, jekk il-persuna tirrinunzja t-tentattiv qabel ma tiġi skoperta

minn terza persuna mhux involuta fit-tentattiv;

"tort" tfisser kull ksur tad-dmir jew kull nuqqas tal-attenzjoni xierqa għal sitwazzjoni partikolari. Fatturi illi għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi valutat il-grad ta' tort ta' atleta jew persuna oħra tinkludi l-esperjenza tal-atleta jew il-persuna oħra, jekk l-atleta jew il-persuna l-oħra hijiex minuri, konsiderazzjonijiet speċjali bħal impedimenti, il-grad ta' riskju eżerċitat mill-atleta relatat ma' x'kellu jkun il-livell ta' riskju perċepit. Fil-valutazzjoni tal-grad ta' tort tal-atleta jew tal-persuna oħra, iċ-ċirkostanzi ikkunsidrati għandhom ikunu speċifiċi u relevanti sabiex jispjegaw it-tluq tal-atleta jew tal-persuna oħra mill-livell ta' mġieba mistenni;

"traffikar" tfisser il-bejgħ, l-għoti, it-trasport, it-trasmissjoni, il-kunsinna jew id-distribuzzjoni jew it-tqassim, jew il-pussess għar-raġunijiet imsemmija, ta' sustanza projbita jew metodu projbit fiżikament kif ukoll b'kull mezz elettroniku jew b'mezzi oħra minn atleta, persunal tal-appoġġ tal-atleta jew xi persuna oħra soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' organizzazzjoni tal-*anti-doping* lil kull terza persuna, bil-kundizzjoni, madankollu, li din it-tifsira ma għandhiex tinkludi l-azzjonijiet *in buona fede* ta' persunal mediku li jinvolvu sustanza projbita użata għall-finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew ġustifikazzjoni oħra aċċettabbli, u ma għandhiex tinkludi azzjonijiet li jinvolvu sustanzi projbiti li mhumiex projbiti fl-ittestjar *out-of-competition*, ħlief, jekk iċ-ċirkostanzi b'mod ġenerali juru li dawn is-sustanzi projbiti mhumiex maħsuba għal finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew huma maħsuba sabiex itejbu l-prestazzjoni sportiva;

"*TUE*" jew "*TUE*s" tfisser l-eżenzjoni għall-użu terapewtiku;

"użu" tfisser l-użu, l-applikazzjoni, l-inġestjoni, l-injezzjoni jew il-konsum b'kull mezz possibbli ta' kwalunkwe sustanza projbita jew metodu projbit;

"WADA" tfisser l-Aġenzija Dinjija tal-*Anti-Doping* bħala fondazzjoni kostitwita skont il-Kodiċi Ċivili tal-Iżvizzera f'Losanna fl-10 ta' Novembru 1999 u kull Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping* li jkollha kuntratt mal-WADA;

"żmien tal-avveniment" tfisser iż-żmien bejn il-bidu u t-tmiem ta' avveniment, kif stabbilit mill-korp regolatorju tal-avveniment; u

"żvelar lill-pubbliku" jew "tħejjija ta' rapporti għall-pubbliku" tfisser it-tixrid jew distribuzzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali jew lil persuni minbarra dawk il-persuni li huma intitolati għal notifika minn qabel skont id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi.

Ksur tar-regoli tal-*anti-doping*.

**3.** (1) Is-smigħ ta' każijiet ta' *doping* għandu jipproċedi fuq il-bażi li kien hemm ksur ta' xi regola speċifika waħda jew aktar ta' dan ir-regolament. L-atleti jew persuni oħra huma responsabbli għall-għarfien dwar x'jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u s-sustanzi u metodi li ġew inklużi fil-lista projbita.

(2) Li ġejjin huma ksur tar-regoli tal-*anti-doping*:

(a) il-preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha f'kampjun ta' atleta:

(i) hu d-dover personali ta' kull atleta li l-ebda sustanza projbita ma tidħol f'ġismu. L-atleti huma responsabbli għal kull sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha misjuba preżenti f'kampjuni tagħhom. Għalhekk, mhux neċessarju li intenzjoni, tort, negliġenza jew konoxxenza tal-użu mill-parti tal-atleta jiġu ppruvati sabiex jiġi stabbilit ksur tar-regoli tal-*anti-doping* skont is-subregolament (2)(a);

(ii) prova suffiċjenti tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* taħt is-subregolament (2)(a) tiġi stabbilita permezz ta' waħda minn dawn li gejjin:

(aa) preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha fil-kampjun A tal-atleta fejn l-atleta jirrifjuta li jagħmel l-analiżi tal-kampjun B u l-kampjun B ma jiġix analizzat; jew

(bb) fejn il-kampjun B tal-atleta jiġi analizzat u l-analiżi tal-kampjun B tal-atleta tikkonferma l-preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha misjuba fil-kampjun A tal-atleta; jew

(ċċ) fejn il-kampjun B tal-atleta jiġi maqsum f'żewġt ifliexken u l-analiżi tat-tieni flixkun tikkonferma l-preżenza tas-sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* misjuba fl-ewwel flixkun;

(iii) b'żieda ma' dan, il-KAD tista', u fid-diskrezzjoni tagħha, tiddeċiedi li l-kampjun B jiġi analizzat, anki jekk l-atleta ma jitlobx l-analiżi tal-kampjun B;

(iv) b'eċċezzjoni għal dawk is-sustanzi li għalihom hemm identifikat b'mod speċifiku l-livell kwantitattiv fil-lista projbita, il-preżenza ta' kull kwantità ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha

f'kampjun ta' atleta għandha tikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping;*

(v) bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali tas-subregolament (2)(a)(i) sa (iv), il-lista projbita jew standards internazzjonali jistgħu jistabbilixxu kriterji speċjali għall-evalwazzjoni ta' sustanzi projbiti li jistgħu jiġu prodotti wkoll b'mod indoġeniku;

(b) l-użu jew tentattiv tal-użu min-naħa ta' atleta ta' sustanza projbita jew metodu projbit:

(i) hu d-dover personali ta' kull atleta li jassigura li l-ebda sustanza projbita ma tidħol f'ġismu u li l-ebda metodu projbit ma jiġi użat. Għalhekk, mhux neċessarju li l-intenzjoni, tort, negliġenza jew konoxxenza tal-użu mill-parti tal-atleta jiġu ppruvati sabiex jiġi stabbilit ksur tar-regoli tal-*anti-doping* għall-użu ta' sostanza projbita jew metodu projbit;

(ii) is-suċċess jew falliment tal-użu jew tentattiv għall-użu ta' sustanza projbita jew metodu projbit mhuwiex materjali. Hu biżżejjed li s-sustanza projbita jew metodu projbit ikunu intużaw jew sar tentattiv biex jintużaw sabiex isir il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*;

(iii) l-użu jew it-tentattiv tal-użu min-naħa tal-atleta ta' sustanza projbita taħt dan is-subregolament jista' jiġi stabbilit permezz ta' mezzi affidabbli, bħal ammissjonijiet mill-atleta, dikjarazzjonijiet ta' xhieda, provi dokumentarji, konklużjonijiet milħuqa minn profili lonġitudinali, iklużi d-*data* miġbura bħala parti mill-passaport bioloġiku tal-atleta, jew informazzjoni analitika oħra li ma tissodisfax il-ħtiġiet sabiex tiġi stabbilita l-preżenza ta' sustanzi projbiti taħt is-subregolament (2)(a);

(ċ) l-evażjoni mill-ġbir tal-kampjun, mingħajr ġustifikazzjoni konvinċenti, ir-rifjut, jew nuqqas ta' sottomissjoni għall-ġbir tal-kampjun wara n-notifika kif inhu awtorizzat f'dawn ir-regolamenti:

Iżda l-'evażjoni mill-ġbir tal-kampjun' isseħħ ukoll jekk jiġi stabbilit illi l-atleta evita deliberatament uffiċjal tal-kontroll tad-*doping* sabiex jevita notifika jew test;

(d) it-tgħaqqid ta' tliet testijiet maqbuża u/jew *filing failures*, kif definit mill-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar

u l-Investigazzjonijiet, f'perjodu ta' tnax-il xahar min-naħa ta' atleta *f'registered testing pool;*

(e) it-tbagħbis jew it-tentattiv ta' tbagħbis ta' kull parti tal-kontroll tad-*doping*, li tkun mġieba biex ittellef il-proċess tal-kontroll tad-*doping*, li iżda mhuwiex inkluż fit-tifsira ta' metodu projbit. 'Tbagħbis' għandha tinkludi ukoll, mingħajr limitazzjoni, l-indħil intenzjonali jew it-tentattiv ta' indħil fix-xogħol ta' uffiċjal tal-kontroll tad-*doping*, il-provvista ta' informazzjoni frawdolenti lill-KAD jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping*, jew l-intimidazzjoni jew it-tentattiv ta' intimidazzjoni ta' xhud potenzjali;

(f) il-pussess minn atleta *in-competition* ta' kull sustanza projbita jew kull metodu projbit, jew pussess minn atleta *out-of-competition* ta' kull sustanza projbita jew kull metodu projbit li hi projbita *out-of-competition*, sakemm l-atleta ma jistabbilixxix li l-pussess hu konsistenti ma' *TUE* mogħtija b'mod konformi mar-regolament 5(5) *et sequitur* jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra;

(g) il-pussess minn persunal tal-appoġġ tal-atleta *in-competition* ta' kull sustanza projbita jew metodu projbit, jew pussess minn persunal tal-appoġġ tal-atleta *out-of-competition* ta' kull sustanza projbita jew kull metodu projbit li hi projbita *out-of-competition*, b'konnessjoni mal-atleta, kompetizzjoni jew taħriġ, kemm-il darba l-persunal tal-appoġġ tal-atleta ma jistabbilixxix li l-pussess huwa konsistenti ma' *TUE* mogħtija lil atleta b'mod konformi mar-regolament 5(5) *et sequitur* jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra;

(h) it-traffikar jew tentattiv ta' traffikar ta' kull sustanza projbita jew metodu projbit;

(i) l-għoti jew tentattiv ta' għoti lil xi atleta *in-competition* ta' kull sustanza projbita jew metodu projbit, jew għoti jew tentattiv tal-għoti lil xi atleta *out-of-competition* ta' kull sustanza projbita jew kull metodu projbit li hi projbita *out-of-competition*;

(j) l-assistenza, l-inkoraġġament, l-għajnuna, it-tħajjir, ħabi jew kull forma oħra ta' kompliċità li tinvolvi l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, it-tentattiv ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u l-ksur tar-regolament 11(20) minn persuna oħra;

(k) l-assoċjazzjoni min-naħa ta' atleta jew persuna oħra suġġetta għall-awtorità tal-KAD, jew kwalunkwe

organizzazzjoni tal-*anti-doping*, f'kapaċità professjonali, jew relatata mal-i*sport*, ma' persunal tal-appoġġ tal-atleta li:

(i) jekk suġġetta għall-awtorità tal-KAD jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping*, qed isservi perjodu ta' ineliġġibilta'; jew

(ii) jekk mhux suġġetta għall-awtorità tal-KAD jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping*, u fejn l-ineliġġibilta' ma ġietx indirizzata fil-proċess tal-ġestjoni tar-riżultati skont il-Kodiċi, ġiet misjuba ħatja, jew misjuba fi proċedura kriminali, dixxiplinarja jew professjonali, li kienet involuta f'imġieba li kienet tkun tikkostitwixxi fi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li kieku regoli konformi mal-Kodiċi kienu jkunu applikabbli għal dik il-persuna. L-istat ta' skwalifika ta' dik il-persuna għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sitt snin mid-deċiżjoni kriminali, professjonali jew dixxiplinarja, jew id-durata tas-sanzjoni kriminali, dixxiplinarja jew professjonali imposta, liema waħda hija l-itwal;

(iii) qed iservi bħala front jew intermedjarju għal individwu deskritt fis-subparagrafi (k)(i) u (ii):

Iżda huwa neċessarju illi l-atleta jew persuna oħra tkun ġiet avżata qabel bil-miktub mill-KAD, jew mill-WADA, tal-istatus tal-iskwalifika tal-persunal tal-appoġġ tal-atleta, u l-konsegwenzi potenzjali tal-assoċjazzjoni projbita u li l-atleta jew persuna oħra jista' raġjonevolment jevita l-assoċjazzjoni;

(iv) il-KAD għandha tagħmel sforzi raġjonevoli sabiex tavża lill-persunal tal-appoġġ tal-atleta illi huwa suġġett għan-notifika tal-atleta jew persuna oħra, illi l-persunal tal-appoġġ tal-atleta jista', fi żmien ħmistax-il ġurnata, jispjega lill-KAD illi l-kriterji deskritti fis-subparagrafi (k)(i) u (ii) ma japplikawx għalih jew għaliha;

(v) minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolament 17, dan ir-regolament japplika wkoll meta l-imġieba skwalifikanti tal-persunal tal-appoġġ tal-atleta ġrat qabel l-ewwel ta' Jannar 2015;

(vi) l-atleta jew persuna oħra għandu l-oneru li jistabbilixxi illi kull assoċjazzjoni tal-persunal tal-appoġġ tal-atleta kif imsemmi fis-subparagrafi (k)(i) u (ii) mhijiex f'kapaċità professjonali jew relatata mal-i*sport*;

(vii) il-KAD għandha l-oneru li tissottometti l-informazzjoni relatata mal-persunal tal-appoġġ tal-atleta li jissodisfaw il-kriterji msemmija fis-subparagrafi (k)(i) sa (iii) lill-WADA.

Responsabbiltà tal-KAD u tal-assoċjazjzonijiet nazzjonali li jistabilixxu ksur tal-liġi.

**4.** (1) Il-KAD u, jew, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali għandhom l-oneru sabiex jistabbilixxu jekk sarx ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Il-KAD għandu jkollu t-tribunal dixxiplinarju tiegħu għad-determinazzjoni ta' dan il-ksur, li l-assoċjazzjonijiet nazzjonali jistgħu jagħmlu użu minnu jekk dawn tal-aħħar ma għandhomx tribunal dixxiplinarju tagħhom. Ksur ta' dawn ir-regolamenti għandu jiġi stabbilit jekk il-KAD u, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali jistgħu jippruvaw għas-sodisfazzjon tat-tribunal dixxiplinarju, b'konsiderazzjoni għall-gravità tal-allegazzjoni li tkun saret, li kien hemm il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tar-regolament 3. Il-grad ta' prova fil-każi kollha hu akbar minn sempliċiment bilanċ tal-probabbiltà iżda inqas minn prova bla ebda dubju raġjonevoli. Fejn dawn ir-regolamenti jpoġġu l-oneru tal-prova fuq l-atleta jew persuna oħra li allegatament ikkommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping* sabiex tirrespinġi preżunzjoni jew tistabbilixxi fatti jew ċirkustanzi speċifiċi, il-grad tal-prova għandu jkun dak ta' bilanċ tal-probabbiltà.

(2) Fatti relatati ma' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' kull mezz affidabbli, inklużi ammissjonijiet, ix-xhieda kredibbli ta' terzi persuni, provi dokumentarji affidabbli, *data* analitika affidabbli mill-kampjun A jew B, jew konklużjonijiet milħuqa mill-profil ta' serje ta' kampjuni tad-demm jew l-awrina tal-atleta, bħalma hi *data* mill-passaport bioloġiku tal-atleta. Ir-regolamenti fuq provi li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'każi tad-*doping*:

(a) metodi analitiċi jew limiti deċiżjonali approvati mill-WADA wara konsultazzjoni fil-komunità xjentifika rilevanti u li kienu suġġetti għal *peer review* huma preżunti li huma xjentifikament validi. Kull atleta jew persuna oħra li tfittex biex tirribatti din il-preżunzjoni ta' validità xjentifika għandha, bħala kundizzjoni preċedenti għal tali oġġezzjoni, l-ewwel tinnotifika lill-KAD u l-WADA tal-oġġezzjoni u l-bażi tal-oġġezzjoni. Il-CAS, fuq inizjattiva tiegħu, jista' jinforma ukoll lill-KAD jew lill-WADA ta' oġġezzjoni bħal din. Fuq talba tal-WADA, il-*panel* tal-CAS għandu jaħtar espert xjentifiku xieraq sabiex jassisti lill-*panel* fl-evalwazzjoni tal-oġġezzjoni. Fi żmien għaxart ijiem minn meta l-WADA tirċievi tali notifika, u l-fajl tal-CAS, il-WADA għandu jkollha wkoll id-dritt illi tintervjeni bħala parti, tidher *amicus curiae* jew ukoll tippreżenta provi f'proċeduri bħal dawn. Jekk il-KAD tiġi notifikata bl-oġġezzjoni qabel il-WADA, il-KAD għandha

tinnotifika immedjatament lill-WADA. Kull proċidementi dixxiplinarji pendenti kontra kwalunkwe atleta jew persuna oħra li jirribatti l-preżunzjoni tal-validità xjentifika, mibdi mill-KAD għandu jiġi sospiż sakemm il-CAS tiddeċiedi fuq oġġezzjoni;

(b) hu preżunt li laboratorji akkreditati mill-WADA, jew laboratorji approvati mill-WADA, iwettqu l-analiżi u proċeduri ta' kustodja tal-kampjun b'mod konformi mal-istandard internazzjonali għal-laboratorji. L-atleta jew persuna oħra jistgħu jirribattu din il-preżunzjoni billi jistabbilixxu li seħħet devjazzjoni mill-istandard internazzjonali għal-laboratorji li setgħet ikkawzat b'mod raġjonevoli s-sejba analitika avversa. Jekk l-atleta jew persuna oħra jirrespinġi l-preżunzjoni preċedenti billi juri li seħħet devjazzjoni mill-istandard internazzjonali għal-laboratorji li setgħet ikkawżat b'mod raġjonevoli s-sejba analitika avversa f'dak il-każ il-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali relevanti, fejn hu applikabbli, għandha l-oneru li tistabbilixxi li din id-devjazzjoni ma kkawżatx is-sejba analitika avversa;

(ċ) devjazzjonijiet minn xi standard internazzjonali ieħor jew regola jew politika oħra tal-*anti-doping* stabbiliti fil-Kodiċi jew f'dawn ir-regolamenti li ma kkawżawx sejba analitika avversa jew ksur ieħor tar-regoli tal-*anti-doping* ma għandhomx jinvalidaw dawn il-provi jew ir-riżultati. Jekk l-atleta jew persuna oħra jistabbilixxu li seħħet devjazzjoni minn standard internazzjonali ieħor, jew regola jew politika oħra tal-*anti-doping* li setgħet ikkawzat b'mod raġjonevoli il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ibbażata fuq sejba analitika avversa jew ksur ieħor tar-regoli tal-*anti-doping*, f'dak il-każ il-KAD għandha l-oneru li tistabbilixxi li dik id-devjazzjoni ma kkawżatx is-sejba analitika avversa jew il-bażi fattwali għall-ksur tar-regola tal-*anti-doping*;

(d) il-fatti stabbiliti permezz ta' deċizjoni finali ta' qorti jew tribunal dixxiplinarju professjonali tal-ġurisdizzjoni kompetenti, li mhumiex is-suġġett ta' appell pendenti, għandhom ikunu evidenza irribattibbli kontra l-atleta jew persuna oħra li għalihom id-deċiżjoni tagħmel parti minn dawk il-fatti, kemm-il darba l-atleta jew persuna oħra ma jistabbilixxux li d-deċizjoni kissret il-prinċipji tal-ġustizzja naturali; u

(e) il-*panel* li qed jiddeċiedi fi proċedura tas-smigħ dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* jista' jagħmel inferenza avversa għall-atleta jew persuna oħra li allegatament ikkomettiet ksur ta' regola tal-*anti-doping* fuq il-bażi tar-rifjut

tal-atleta jew persuna oħra, wara talba magħmula fi żmien raġjonevoli qabel is-smigħ, sabiex tidher għas-smigħ, jew bil-preżenza tagħha jew b'mod telefoniku kif deċiż mill-*panel* u twieġeb għal mistoqsijiet jew mill-*panel* jew mill-KAD jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali li tasserixxi l-ksur tar-regola tal-*anti-doping*.

Lista projbita.

**5.** (1) Dawn ir-regolamenti jinkorporaw il-lista projbita li hi ppubblikata mill-WADA kif deskritt fl-artikolu 4.1 tal-Kodiċi. Il-KAD għandha tippubblika dawn il-listi riveduti fil-Gazzetta, kif ukoll tagħmel il-lista projbita attwali disponibbli lil kull assoċjazzjoni nazzjonali u kull assoċjazzjoni nazzjonali għandha tassigura li l-lista projbita attwali hi disponibbli għall-membri rreġistrati tagħha.

(2) Sakemm ma jkunx dispost mod ieħor fil-lista projbita jew f'reviżjoni, il-lista projbita u r-reviżjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ taħt dawn ir-regolamenti tliet xhur wara l-pubblikazzjoni tal-lista projbita mill-WADA mingħajr il-ħtieġa ta' xi azzjoni oħra mill-KAD. Il-KAD għandha tippubblika wkoll il-lista projbita u, jew reviżjoni u, jew aġġornamenti fil-Gazzetta.

(3) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regolament 11, is-sustanzi projbiti kollha għandhom ikunu sustanzi speċifiċi minbarra s-sustanzi fil-klassijiet ta' sustanzi u ormoni anaboliċi, u dawk l-istimulanti u l-antagonisti u modulaturi tal-ormoni kif identifikati fil-lista projbita. Metodi projbiti ma għandhomx ikunu sustanzi speċifiċi:

Iżda f'każ li l-WADA tespandi l-lista projbita biż-żieda ta' klassi ġdida ta' sustanzi projbiti skont l-artikolu 4.1 tal-Kodiċi, il-kumitat eżekuttiv tal-WADA għandu jiddetermina jekk kwalunkwe jew is-sustanzi projbiti kollha fil-klassi l-ġdida ta' sustanzi projbiti għandhomx jiġu kkunsidrati bħala sustanzi speċifiċi taħt l-artikolu 4.2.2 tal-Kodiċi.

(4) Kif stipulat fl-artikolu 4.3.3 tal-Kodiċi, id-determinazzjoni tal-WADA ta' sustanzi projbiti u metodi projbiti li jiġu inklużi fil-lista projbita, il-klassifikazzjoni ta' sustanzi f'kategoriji fil-lista projbita, u l-klassifikazzjoni ta' sustanza bħala projbita f'kull ħin jew *in-competition* biss, hija finali u ma għandhiex tkun soġġetta għal oġġezzjoni minn atleta jew persuna oħra fuq bażi ta' argument li s-sustanza jew metodu mhumiex sustanza li taħbi (*masking agent*) jew ma kellhiex il-potenzjal li żżid il-prestazzjoni, tirrapprezenta riskju għas-saħħa jew tmur kontra l-ispirtu tal-i*sport*.

Eżenjonijiet għall-użu terapewtiku.

(5) Il-preżenza ta' sustanza projbita jew il-metaboliti jew *markers* tagħha, l-użu jew tentattiv ta' użu, il-pussess jew l-għoti jew it-tentattiv tal-għoti ta' sustanza projbita jew metodu projbit

konsistenti mad-disposizzjonijiet ta' *TUE* applikabbli maħruġa skont l-i*standard* internazzjonali għat-*TUE*s ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala ksur tar-regoli tal-*anti-doping*.

(6) Atleta, li mhuwiex atleta ta' livell internazzjonali għandu jikseb *TUE* mogħtija jew rikonoxxuta mill-KAD. L-applikazzjoni għal *TUE* għandha ssir mill-iktar fis possibbli, f'każ ta' atleta fir-*registered testing pool*, meta atleta jiġi notifikat għall-ewwel darba bl-inklużjoni tiegħu fil-*pool* u f'kwalunkwe avveniment, minbarra f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel il-parteċipazzjoni tal-atleta fl-avveniment.

(7) Il-KAD għandha tiddelega din l-awtorità lil *panel* ta'speċjalisti sabiex jikkunsidraw talbiet għal *TUE*s, minn hawn 'il quddiem il-"Kumitat tat-*TUE*". Hekk kif il-KAD tirċievi talba għal *TUE*, iċ-*chairman* tal-Kumitat tat-*TUE* għandu jaħtar membru jew diversi membri tal-Kumitat tat-*TUE*, li jistgħu jinkludu ċ-*chairman*, sabiex jikkonsidra din it-talba. Kull membru tal-Kumitat tat-*TUE* maħtur b'dan il-mod għandu jevalwa minnufih din it-talba b'konformità mal-istandard internazzjonali għat-*TUE*s u jgħaddi d-deċiżjoni ta' dawn it-talbiet, li għandha tkun id-deċizjoni finali, lill-KAD. Jekk il-KAD jirrifjuta t-talba, l-atleta jista' jappella b'mod esklussiv lill-*panel* nazzjonali tal-appell tal-*anti-doping*.

(8) Atleta li huwa atleta ta' livell internazzjonali għandu jagħmel it-talba għall-*TUE* lill-federazzjoni internazzjonali tiegħu.

Iżda:

(a) fejn atleta diġà għandu *TUE* mogħtija mill-KAD għas-sustanza jew metodu in kwistjoni, jekk dik it-*TUE* tilħaq il-kriterji msemmija fl-i*standard* internazzjonali għat-*TUE*s, din it-*TUE* għandha tiġi rikonoxxuta mill-federazzjoni internazzjonali tal-atleta. Jekk il-federazzjoni internazzjonali tikkunsidra li t-*TUE* ma tilħaqx il-kriterji u għalhekk tirrifjuta milli tirrikonoxxiha, hi għandha tinnotifika lill-atleta u lill-KAD minnufih bir-raġunijiet għar-rifjut. L-atleta jew il-KAD għandhom wieħed u għoxrin ġurnata minn tali notifika biex jirreferu l-każ lill-WADA għar-reviżjoni. Jekk il-każ jiġi riferit lill-WADA għar-reviżjoni, it-*TUE* mogħtija mill-KAD tibqa' valida għall-kompetizzjonijiet ta' livell nazzjonali u ttestjar *out-of-competition*, imma mhijiex valida għal kompetizzjonijiet ta' livell internazzjonali, sakemm toħroġ id-deċiżjoni tal-WADA. Jekk il-każ ma jiġix riferit lill-WADA għar-reviżjoni, it-*TUE* isir invalidu għal kull skop meta t-terminu ta' wieħed u għoxrin ġurnata għar-reviżjoni jiskadi;

(b) f'każ illi l-atleta m'għandux diġà *TUE* mogħti mill-KAD għas-sustanza jew metodu in kwistjoni, l-atleta għandu jagħmel it-talba għal *TUE* direttament lill-federazzjoni internazzjonali tiegħu meta ikun hemm il-ħtieġa. Jekk il-federazzjoni internazzjonali, jew il-KAD, meta din taqbel li tikkunsidra t-talba f'isem il-federazzjoni internazzjonali, tirrifjuta t-talba tal-atleta, hija għandha tinnotifika lill-atleta immedjatament, bir-raġunijiet għar-rifjut. Jekk il-federazzjoni internazzjonali tilqa' t-talba tal-atleta, hija għandha tinnotifika mhux biss lill-atleta, iżda wkoll lill-KAD, u jekk il-KAD tikkunsidra illi t-*TUE* ma tilħaqx il-kriterji msemmija fl-i*standard* internazzjonali għat-*TUE*s, hija għandha wieħed u għoxrin ġurnata minn notifika bħal din sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-WADA għar-reviżjoni. F'każ illi l-KAD tirreferi l-kwistjoni lill-WADA għar-reviżjoni, it-*TUE* mogħtija mill-federazzjoni internazzjonali tibqa' valida għal kompetizzjonijiet ta' livell internazzjonali u għall-ittestjar *out-of-competition*, iżda ma tkunx valida għall-kompetizzjonijiet ta' livell nazzjonali, sakemm toħroġ id-deċiżjoni tal-WADA. Jekk il-KAD ma tirriferix il-każ lill-WADA għar-reviżjoni, it-*TUE* mogħti mill-federazzjoni internazzjonali isir validu għall-kompetizzjonijiet nazzjonali ukoll meta t-terminu ta' wieħed u għoxrin ġurnata għar-reviżjoni jiskadi.

(9) Il-KAD għandha d-dritt illi tiġbor kampjun minn persuna li mhijiex atleta ta' livell internazzjonali jew ta' livell nazzjonali. F'każ illi dik il-persuna tkun qed tuża sustanza projbita jew metodu projbit għal raġunijiet terapewtiċi, il-KAD għandha tagħtih il-permess sabiex japplika għal *TUE* retroattiva.

(10) Il-KAD għandha d-dritt titlob lill-WADA sabiex tirrevedi d-deċiżjoni ta' federazzjoni internazzjonali li tagħti *TUE*. Il-WADA tista' tirrevedi deċiżjonijiet oħra għal *TUE* f'kull ħin, sew jekk fuq talba minn dawk affettwati jew fuq inizjattiva tagħha stess. F'każ li d-deċiżjoni ma tilħaqx il-kriterji msemmija fl-i*standard* internazzjonali għat-*TUE*s fis-seħħ f'dak iż-żmien, il-WADA tista' ddawwar dik id-deċiżjoni.

(11) Kull deċiżjoni dwar *TUE* meħuda minn federazzjoni internazzjonali, jew mill-KAD, fejn qablet illi tikkunsidra l-applikazzjoni f'isem il-federazzjoni internazzjonali, li mhijiex riveduta mill-WADA, jew li hi riveduta mill-WADA iżda mhijiex imdawwra wara r-reviżjoni, tista' tiġi appellata mill-atleta u, jew mill-KAD, b'mod esklussiv lill-CAS.

(12) Deċiżjoni mill-WADA li ddawwar deċiżjoni fuq *TUE* tista' tiġi appellata mill-atleta, mill-KAD u, jew, mill-federazzjoni

internazzjonali affettwata, b'mod esklussiv lill-CAS.

(13) In-nuqqas milli tittieħed azzjoni fi żmien raġjonevoli fuq talba sottomessa kif suppost għall-għotja jew rikonoxximent ta' *TUE* jew għar-reviżjoni ta' deċiżjoni fuq *TUE* għandha tiġi kkunsidrata bħala rifjut tat-talba.

Testijiet u investigazzjonijiet.

**6.** (1) Testijiet u investigazzjonijiet għandhom isiru biss għal skopijiet ta' *anti-doping*.

(2) Testijiet għandhom isiru sabiex jinġiebu provi analitiċi dwar il-konformità, jew in-nuqqas ta' konformità, tal-atleta mal-projbizzjoni stretta tal-Kodiċi fuq il-preżenza jew l-użu ta' sustanza projbita jew metodu projbit.

(3) Investigazzjonijiet għandhom isiru:

(a) fir-rigward ta' sejbiet atipiċi jew sejbiet tal-passaport avversi, skont ir-regolamenti 6(4) u 6(5) rispettivament, il-ġbir ta' *intelligence* jew provi, inkluż, b'mod partikolari, provi analitiċi sabiex jiġi determinat jekk ksur ta' regola tal-*anti-doping* seħħietx skont ir-regolamenti 3(2)(a) u, jew 3(2)(b); u

(b) fir-rigward ta' indikazzjonijiet oħra ta' ksur potenzjali ta' regoli tal-*anti-doping*, skont ir-regolament 6(6) u 6(7), il-ġbir ta' *intelligence* jew provi, inkluż, b'mod partikolari, provi mhux analitiċi, sabiex jiġi determinat jekk ksur ta' regola tal-*anti-doping* seħħietx skont ir-regolament minn 3(2)(b) sa (k).

(4) Kull atleta jista' jiġi mitlub jagħti kampjun f'kull ħin u f'kull post minn kwalunkwe organizzazzjoni tal-*anti-doping* b'awtorità biex tagħmel testijiet fuqu, soġġett għal-limitazzjonijiet ġurisdizzjonali għal testijiet waqt avvenimenti kif huwa dispost fis-subregolament (6).

(5) L-atleti kollha affiljati ma' assoċjazzjoni nazzjonali għandhom ikunu soġġetti għal *in-competition testing* mill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atleta, federazzjoni internazzjonali, il-KAD, l-organizzazzjonijiet nazzjonali, organizzazzjonijiet ta' avvenimenti maġġuri għall-avvenimenti tagħhom, inklużi l-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u l-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, u kull organizzazzjoni tal-*anti-doping* oħra responsabbli għat-testijiet f'kompetizzjoni jew avveniment li jieħdu sehem fihom. L-atleti kollha affiljati ma' assoċjazzjoni nazzjonali, inkluzi atleti, li għadhom ma rtirawx, jew li qegħdin iservu perjodu ta' ineliġibbiltà jew sospensjoni proviżorja, għandhom ikunu soġġetti wkoll għal *out-of-*

*competition testing* f'kull ħin jew post, b'notifika bil-quddiem jew mingħajrha, mill-assoċjazzjoni nazzjonali, il-federazzjoni internazzjonali tal-atleta, il-WADA, il-KAD, l-organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping* ta' kwalunkwe pajjiż fejn l-atleta hu ċittadin, resident, detentur tal-liċenzja jew membru ta' organizzazzjoni sportiva, organizzazzjonijiet ta' avvenimenti maġġuri għall-avvenimenti futuri tagħhom, inkluż il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali matul il-logħob tal-Olimpjadi, u l-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali matul il-logħob paralimpiku.

(6) Il-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, għandha tagħmel testijiet, jew tiġbor kampjuni, jekk ġiet iddelegata jew ġiet ikkuntrattata, biex tagħmel hekk minn federazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni ta' avveniment maġġuri, bl-spejjeż tagħha. Il-KAD għandha tinnotifika lill-federazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni ta' avveniment maġġuri responsabbli fir-rigward ta' testijiet bħal dawn jew ġbir ta' kampjuni. Il-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, tista' tingħata awtorità addizzjonali sabiex twettaq testijiet permezz ta' ftehim bilaterali jew multilaterali ma' firmatarji oħra tal-Kodiċi:

Iżda sakemm l-atleta identifika tieqa ta' ttestjar ta' sittin minuta, jew b'mod ieħor ta l-kunens għall-ittestjar, bejn il-11:00 p.m. u s-6:00 a.m., il-KAD ma tistax twettaq testijiet matul dan il-perjodu ta' ħin sakemm għandha suspett serju u speċifiku illi l-atleta jista' jkun involut f'*doping*. Madankollu, u minkejja dan il-proviso, oġġezzjoni dwar jekk il-KAD kellhiex suspetti suffiċjenti biex twettaq testijiet matul dan il-perjodu ta' ħin m'għandhiex tkun difiża għal ksur ta' regoli tal-*anti-doping* ibbażata fuq test bħal dan jew tentattiv ta' test.

(7) Minbarra kif provdut aktar 'l isfel, organizzazzjoni waħda biss għandha tkun responsabbli sabiex tibda u tidderiġi testijiet f'postijiet tal-avveniment waqt perjodu ta' avveniment. F'avvenimenti internazzjonali, il-ġbir ta' kampjuni għandu jinbeda' u jiġi ordnat mill-organizzazzjoni internazzjonali illi hija l-korp regolatorju għall-avveniment. F'avvenimenti nazzjonali, il-kollezzjoni ta' kampjuni għandu jinbeda' u jiġi ordnat, jew mill-KAD, jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali li hija l-korp regolatorju għall-avveniment. Kull ittestjar matul il-perjodu tal-avveniment barra mill-postijiet tal-avveniment għandu jiġi kkordinat ma' dak il-korp regolatorju.

(8) F'każ illi l-KAD tkun tixtieq twettaq testijiet ta' atleti f'postijiet tal-avveniment waqt il-perjodu tal-avveniment, l-organizzazzjoni tal-*anti-doping* għandha tinforma lill-korp regolatorju tal-avveniment illi ser twettaq u tikkordina testijiet bħal

dawn.

(9) Il-KAD għandha tkun responsabbli sabiex tiżviluppa u timplimenta pjan dwar id-distribuzzjoni tat-testijiet illi joħloq prijorita' b'mod xieraq bejn dixxiplini sportivi, kategoriji ta' atleti, tipi ta' testijiet, tipi ta' kampjuni miġbura, u tipi ta' analiżi ta' kampjuni, b'mod konformi mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet. Il-pjan dwar id-distribuzzjoni tat-testijiet għandu jgħin lill-WADA tistabbilixxi, permezz ta' valutazzjoni tar-riskju, liema sustanzi projbiti u, jew metodi projbiti, li huma l-aktar kapaċi illi jiġu abbużati fi sport partikolari u dixxiplini sportivi. Il-KAD għandha tagħti lill-WADA il-pjan dwar id-distribuzzjoni tat-testijiet kurrenti kull meta tiġi mitluba tagħmel hekk mill-WADA. Testijiet jistgħu jiġu diretti minn membri tal-KAD jew minn persuni oħra kwalifikati jew awtorizzati mill-KAD.

(10) Testijiet mitluba mill-KAD jitħallsu mill-Kunsill. Testijiet oħra li jsiru f'Malta minn assoċjazzjoni nazzjonali għandhom jiġu notifikati lill-KAD fi żmien tmienja u erbgħin siegħa qabel isiru dawn it-testijiet u javżaw ukoll lill-KAD bir-riżultati ta' dawn it-testijiet fi żmien sebat ijiem minn meta jkunu riċevuti bil-miktub.

(11) Fejn huwa raġjonevolment fattibbli, testijiet imwettqa mill-KAD għandhom jiġu kkordinati permezz tal-ADAMS jew ta' sistema oħra approvata mill-WADA.

(12) Testijiet diretti mill-KAD għandhom ikunu konformi mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet.

(13) Kampjuni tad-demm jew oħrajn, minbarra dawk tal-awrina, jistgħu jintużaw jew sabiex jiġu individwati sustanzi projbiti jew metodi projbiti jew għal skopijiet proċedurali ta' eżaminar jew għall-*profiling* ematologiku longitudinali magħruf bħala "l-passaport". Jekk id-demm jinġabar għall-eżaminar biss, ma jkollux konsegwenzi oħra għall-atleta minbarra sabiex jiġi identifikat dan l-atleta għat-test tal-awrina taħt dawn ir-regolamenti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-KAD tista' tiddeċiedi b'mod diskrezzjonali liema parametri tad-demm għandhom jitkejjlu fl-eżaminar tal-kampjun u liema livelli ta' dawk il-parametri ser jintużaw sabiex jindikaw li atleta għandu jintgħażel għal test tal-awrina.

(14) Il-KAD għandha żżomm *registered testing pool* fuq livell nazzjonali ta' dawk l-atleti li huma meħtieġa li jkunu konformi mar-rekwiżiti fuq *whereabouts* tal-istandard internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet u għandha tippubblika l-kriterji għall-atleti li ser jiġu inklużi f'dan ir-*registered testing pool* kif ukoll lista tal-atleti li jissodisfaw dawn il-kriterji għal perjodu ikkonċernat. Il-KAD

għandha tirrevedi u taġġorna kif ikun neċessarju l-kriterji tagħha għall-inklużjoni tal-atleti fir-*registered testing pool* tagħha, minn żmien għal żmien kif inhu adatt b'mod konformi mal-kriterji stipulati. Kull atleta fir-*registered testing pool* għandu:

(a) javża lill-KAD dwar fejn mistenni jkun kull tliet xhur, bil-mod kif inhu stipulat fl-artikolu 11.3 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

(b) jaġġorna dik l-informazzjoni kif ikun meħtieġ, skong l-artikolu 11.4.2 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet, sabiex din tibqa' eżatta u kompluta f'kull ħin;

(ċ) jkun disponibbli għall-Ittestjar fil-post dikjarat, b'mod konformi mal-artikolu 11.4 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet; u

(d) f'każ li atleta jonqos milli jinforma lill-KAD dwar fejn mistenni dan jigi kkonsidrat *filing failure* għall-finijiet tar-regolament 3(2)(d) fejn il-kundizzjonijiet tal-artikolu 11.3.5 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet ikunu ntlaħħqu.

(15) F'każ li atleta jonqos milli jkun disponibbli għall-ittestjar fil-post dikjarat minnu jiġi kkonsidrat bħala test maqbuż għall-finijiet tar-regolament 3(2)(d) fejn il-kondizzjonijiet tal-artikolu 11.4.3 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet ikunu ntlaħħqu.

(16) Kull assoċjazzjoni nazzjonali għandha tassisti wkoll lill-KAD fl-istabbiliment tar-*registered testing pool* fuq livell nazzjonali ta' atleti nazzjonali tal-ogħla livell li għalihom għandhom japplikaw ukoll il-*whereabouts requirements* tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet.

(17) Id-dikjarazzjoni ta' fejn mistenni jkun l-atleta skont is-subregolamenti (14) u (16) għandha tingħata lill-WADA u lill-organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* oħra li għandhom il-ġurisdizzjoni li jittestjaw lill-atleta skont l-artikoli 11.7.1(d) u 11.7.3(d) tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet, inkluża l-kundizzjoni stretta li tintuża biss għall-finijiet ta' kontroll tad-*doping*.

(18) Atleti li ġew inklużi f'*registered testing pool* mill-federazzjoni internazzjonali tagħhom u, jew mill-KAD għandhom jagħtu l-informazzjoni ta' fejn mistennija jkunu bil-mod speċifikat fl-

I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet. Il-federazzjonijiet internazzjonali u l-KAD għandhom jikkordinaw l-identifikazzjoni ta' dawk l-atleti u l-ġbir tal-*whereabouts information.* Kull federazzjoni internazzjonali u l-ADC għandu jkollhom disponibbli, permezz tal-ADAMS jew ta' sistema oħra approvata mill-WADA, lista li tidentifika, bl-isem jew bi kriterji definiti b'mod ċar u speċifiċi, dawk l-atleti inklużi fir-*registered testing pool* tagħha.

(19) Il-KAD għandha tinnotifika atleta qabel ma jiġi reġistrat fir-*registered testing pool* u meta jitneħħa min dak il-*pool*. Il-*whereabouts information* mogħtija mill-atleta waqt li jkun fir-*registered testing pool* għandha tkun aċċessibbli permezz tal-ADAMS jew sistema oħra approvata mill-WADA, lill-WADA u organizzazzjonijiet oħra tal-*anti-doping* li għandhom l-awtorità jittestjaw l-atleta, kif provdut mis-subregolament (5). Din l-informazzjoni għandha tiġi miżmuma f'kunfidenzjalità stretta f'kull ħin, għandha tiġi użata b'mod esklussiv għal finijiet ta' ppjanar, koordinament u direzzjoni tal-kontroll tad-*doping*, li tagħti informazzjoni rilevanti lill-passaport bioloġiku tal-atleta jew riżultati analitiċi oħra, biex tassisti f'investigazzjoni dwar ksur potenzjali tar-regoli tal-*anti-doping*, jew biex tassisti proċeduri dwar allegat ksur tar-regoli tal-*anti-doping*; u għandha tinqered wara li ma tibqax rilevanti għal dawn ir-raġunijiet b'mod konformi mal-i*standard* internazzjonali għall-protezzjoni tal-privatezza u l-informazzjoni personali.

(20) Atleta li ġie identifikat mill-KAD għall-inklużjoni fir-*registered testing pool* tal-KAD għandu jibqa' soġġett għal dawn ir-regolamenti, inkluż l-obbligu li jkun konformi mal-*whereabouts requirements* tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet, kemm-il darba u sakemm l-atleta ma jinnotifikax lill-KAD bil-miktub, li hu rtira jew sakemm hu ma jissodisfax aktar il-kriterji għall-inklużjoni fir-*registered testing pool* tal-KAD u kien infurmat b'dan mill-KAD.

(21) Atleta li ta notifika ta' rtirar lill-KAD ma jistax jerġa' jikkompeti kemm-il darba hu ma jinnotifikax lill-KAD mill-inqas sitt xhur qabel hu mistenni li jirritorna għall-kompetizzjoni u jkun disponibbli għall-ittestjar *out-of-competition* bla avviż, inkluża l-konformità, jekk jintalab, mal-*whereabouts requirements* tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet f'kull ħin waqt il-perjodu ta' qabel ir-ritorn attwali għall-kompetizzjoni. Il-WADA, wara li tikkonsulta mal-KAD, tista' teżenta lill-atleta mir-regolament tan-notifika bil-miktub ta' sitt xhur fejn l-applikazzjoni stretta ta' dik ir-regola tkun manifestament inġusta fil-konfront tal-atleta. Din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata mill-KAD taħt ir-regolament 14. Kull riżultat kompettitiv miksub bi ksur ta' dan is-

subregolament għandu jiġi skwalifikat.

(22) Atleta illi jkun ta notifika ta' irtirar lill-KAD waqt li jkun soġġett għal perjodu ta' ineliġibbiltà, ma jistax jerġa' jikkompeti sakemm huwa jinnotifika lill-KAD mill-inqas sitt xhur qabel hu mistenni li jirritorna għall-kompetizzjoni, jew għall-perjodu ta' ineliġibbiltà li fadal, jekk dak il-perjodu huwa itwal minn sitt xhur, u l-atleta jkun disponibbli għall-ittestjar *out-of-competition* bla avviż, inkluż l-konformità, jekk tintalab, mal-*whereabouts requirements*, tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet f'kull ħin waqt il-perjodu ta' qabel ir-ritorn attwali għall-kompetizzjoni.

(23) Federazzjonijiet internazzjonali u assoċjazzjonijiet nazzjonali jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet simili għall-irtirar u ritorn għall-kompetizzjoni għall-atleti fir-*registered testing pool* internazzjonali.

(24) F'avvenimenti internazzjonali f'Malta, il-federazzjoni internazzjonali għandha tiddetermina n-numru ta' testijiet skont il-pożizzjoni finali fil-kompetizzjoni, testijiet aleatorji u *target tests* li għandhom isiru.

(25) F'avvenimenti nazzjonali, il-KAD għandha tiddetermina n-numru ta' atleti magħżula għall-ittestjar f'kull kompetizzjoni u l-proċeduri għall-għażla tal-atleti għall-ittestjar u għandha tinkludi kull atleta li jikser rekord mondjali, reġjonali jew nazzjonali.

(26) Minbarra l-proċeduri tal-għażla stipulati fis-subregolamenti (24) u (25), il-kummissjoni tal-*anti-doping* tal-federazzjoni internazzjonali f'avvenimenti internazzjonali, u l-KAD f'avvenimenti nazzjonali, jistgħu jagħżlu wkoll atleti jew timijiet għat-*target testing* sakemm dan it-*target testing* ma jintużax għal xi fini oħra ħlief dawk leġittimi tal-kontroll tad-*doping*.

(27) Il-KAD għandha tagħżel l-atleti għall-ittestjar *out-of-competition*. Dan il-proċess għandu jkun sostanzjalment skont l-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet fis-seħħ fiż-żmien tal-għażla.

(28) Il-KAD għandha tiżgura illi hija kapaċi li twettaq kull waħda minn dawn li ġejjin, kif inhu applikabbli u konformi mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet:

(a) tikseb, tevalwa u tipproċessa *intelligence* mis-sorsi kollha disponibbli sabiex tifforma pjan għad-distribuzzjoni tal-ittestjar proporzjonali, intelliġenti u effettiv, biex tippjana *target testing*, u, jew biex tifforma l-bażi ta' investigazzjoni għall-

possibbiltà ta' ksur ta' regoli tal-*anti-doping* possibbli;

(b) tinvestiga sejbiet atipiċi u sejbiet tal-passaport avversi, skont ir-regolament 8(5) u (6) rispettivament; u

(ċ) tinvestiga kull informazzjoni analitika jew mhux analtika, jew intelliġenza oħra li tindika l-possibbli ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, skont ir-regolament 8(7) u (8), sabiex jew tiġi skartat il-possibbli ksur jew jiżviluppaw provi illi jappoġġjaw il-ftuħ ta' proċeduri dwar il-ksur ta' regoli tal-*anti-doping*.

Analiżi ta' kampjun ta' kontroll tad-*doping*.

**7.** (1) Kampjuni għandhom jiġu analizzati skont il-prinċipji li gejjin:

(a) għall-finijiet tar-regolament 3(2), il-KAD għandha tibgħat il-kampjuni għall-analizi lil-laboratorji akkreditati mill-WADA jew laboratorji approvati mill-WADA biss;

(b) kampjuni għandhom jiġu analizzati għall-iskoperta ta' sustanzi projbiti u metodi projbiti identifikati fil-lista projbita u sustanzi oħra kif jista' jiġi ordnat mill-WADA b' mod konformi mal-artikolu 4.5 tal Kodiċi jew għall-assistenza lill-KAD fit-tħejjija ta' profili ta' parametri rilevanti fl-awrina, demm jew matriċi oħra tal-atleta, inkluż id-DNA jew *genomic profiling*, għall-finijiet leġittimi tal-*anti-doping*. Il-KAD tista' tiġbor u taħżen kampjuni għal analiżi futura;

(ċ) l-ebda kampjun ma jista' jintuża għal riċerka mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-atleta. Kampjuni użati għal finijiet oħra minbarra dawk tar-regolament 7(1)(b) għandhom jitneħħewlhom kull mezz ta' identifikazzjoni b'dak il-mod li dawn ma jistgħux jiġu rintraċċati għal atleta partikolari;

(d) laboratorji għandhom janalizzaw kampjuni u jirrapportaw ir-riżultati b'konformità mal-istandard internazzjonali għal-laboratorji. Sabiex jiġi żgurat ittestjar effettiv, id-dokument tekniku riferut fl-artikolu 5.4.1. tal-Kodiċi għandu jistabbilixxu *menus* ta' analiżi ta' kampjuni li jkunu *risk-assessment based*, għal *sport* partikolari u dixxiplini sportivi, u laboratorji għandhom janalizzaw kampjuni b'mod konformi ma' dawk il-*menus*, barra kif ġej:

(i) il-KAD tista' titlob illi laboratorji janalizzaw il-kampjuni tagħha billi jużaw *menus* li jkunu aktar estensivi minn dawk deskritti fid-dokument tekniku;

(ii) il-KAD tista' titlob illi laboratorji janalizzaw

il-kampjuni tagħha billi jużaw *menus* li jkunu inqas estensivi minn dawk deskritti fid-dokument tekniku, biss meta l-WADA tkun sodisdatta illi, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-pajjiż tagħhom jew tal-i*sport*, kif stabbilit fil-pjan għad-distribuzzjoni tat-testijiet, analiżi inqas estensiva tkun xierqa;

(iii) kif provdut fl-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji, laboratorji, fuq inizjattivi u għas-spejjeż tagħhom, jistgħu janalizzaw kampjuni għal sustanzi projbiti jew metodi projbiti mhux inklużi fil-menu tal-analiżi tal-kampjuni deskritt fid-dokument tekniku jew speċifikat mill-awtorità li qed tittestja. Ir-riżultati minn tali analiżi għandhom jiġu rappurtati u għandhom l-istess validità u konsegwenza ta' kwanlunkwe riżultat analitiku ieħor;

(e) kull kampjun jista' jkun suġġett għal analiżi ulterjuri mill-KAD f'kull ħin qabel ir-riżultati analitiċi tal-kampjuni A u B flimkien, jew ir-riżultat tal-kampjun A meta l-analiżi tal-kampjun B ġiet irrinunzjata jew mhux ser tiġi mwettqa, jiġu komunikati mill-KAD lill-atleta bħala l-bażi affermata tal-ksur tar-regolament 3(2)(a).

Kampjuni jistgħu jiġu maħżuna u soġġetti għal analiżi ulterjuri għall-fini tar-regolament 7(1)(b) f'kull ħin b'mod esklussiv bid-direzzjoni tal-organizzazzjoni tal-*anti-doping* li tkun bdiet u mexxiet il-kollezzjoni tal-kampjun jew il-WADA. Analiżi ulterjuri ta' kampjuni għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet tal-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji u l-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet.

Ġestjoni tar-riżultati.

**8.** (1) It-tmexxija tar-riżultati għal testijiet ordnati mill-KAD, inklużi testijiet magħmula mill-WADA b'mod konformi mal-ftehim mal-KAD, għandha tipproċedi kif stipulat hawn taħt:

(a) ir-riżultati tal-analiżi kollha għandhom jintbagħtu lill-KAD f'forma kodifikata, f'rapport iffirmat minn rappreżentant awtorizzat tal-laboratorju. Il-komunikazzjonijiet kollha għandhom isiru b'dak il-mod li r-riżultati tal-analizi jkunu kunfidenzjali;

(b) kif tirċievi sejba analitika avversa, il-KAD għandha tagħmel reviżjoni sabiex tiddetermina jekk:

(i) ingħatatx jew ser tingħata *TUE* applikabbli hekk kif provdut fl-i*standard* internazzjonali għal *TUE*s;

jew

(ii) hemmx xi devjazzjoni evidenti mill-i*standards* internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet jew l-analiżi tal-laboratorji internazzjonali li kkawżaw is-sejba analitika avversa;

(ċ) f'każ li r-reviżjoni skont is-subregolament (1)(b) ma tirrivelax *TUE* applikabbli jew intitolament għal *TUE* kif provdut mill-i*standard* internazzjonali għal *TUE*s, jew devjazzjoni il kkawżat is-sejba analitka avversa, il-KAD għandha tinnotifika minnufih lill-atleta u lill-assoċjazzjoni nazzjonali tiegħu kif stabbilit skont ir-regolament 15(3), dwar:

(i) is-sejba analitika avversa;

(ii) ir-regola tal-*anti-doping* miksura, jew, f'każ li jaqa' taħt is-subregolamenti (1)(i) jew (1)(j), deskrizzjoni tal-investigazzjoni addizzjonali li ser issir sabiex jiġi determinat jekk hemmx ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ;

(iii) id-dritt tal-atleta li jitlob minnufih l-analiżi tal-kampjun B jew, jekk ma ssirx din it-talba, f'dan il-każ l-analiżi tal-Kampjun B jista' jiġi kkonsidrat bħala rrinunzjat;

(iv) id-data, ħin u lok skedati għall-analiżi tal-kampjun B jekk l-atleta jiddeċiedi li jitlob l-analiżi tal-kampjun B;

(v) l-opportunità għall-atleta jew ir-rappreżentant tal-atleta li jattendu għall-ftuh u analiżi tal-kampjun B f'perjodu ta' żmien speċifikat fl-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji jekk dik l-analiżi tintalab;

(vi) id-dritt tal-atleta li jitlob kopji tal-pakkett tad-dokumentazzjoni tal-laboratorju tal-kampjuni A u B li jinkludi informazzjoni kif mitlub mill-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji;

(d) fejn l-atleta ġie notifikat dwar ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li ma tirriżultax f'sospensjoni proviżorja mandatorja taħt is-subregolament (3), l-atleta għandu jingħata l-opportunita' jaċċetta sospensjoni proviżorja sakemm il-kwistjoni tiġi riżolta;

(e) arranġamenti għandhom isiru għall-ittestjar tal-

kampjun B fi żmien tliet ġimgħat min-notifika deskritta fis-subregolament (1)(ċ). Atleta jista' jaċċetta r-riżultati analitiċi tal-kampjun A billi jirrinunzja l-ħtiġiet tal-analiżi tal-Kampjun B. Madankollu, l-KAD tista' tiddeċiedi li tipproċedi bl-analiżi tal-Kampjun B;

(f) l-atleta jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom id-dritt li jkunu preżenti għall-analiżi tal-kampjun B għas-spejjeż tagħhom. Rappreżentant tal-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atleta kif ukoll rappreżentant tal-KAD għandhom ukoll id-dritt li jkunu preżenti, għas-spejjeż tagħhom ukoll. L-atleta għandu jkun infurmat dwar il-laboratorju, id-data u l-ħin tal-analiżi meta l-kampjun B għandu jigi analizzat;

(g) f'każ li r-riżultat ta' kampjun B ikun negattiv, it-test kollu għandu jiġi kkunsidrat bħala negattiv u l-atleta, l-assoċjazzjoni nazzjonali tiegħu, u l-KAD għandhom jiġu hekk informati u l-investigazzjoni u l-proċeduri kollha jingħalqu;

(h) jekk tiġi skoperta sustanza projbita jew l-użu ta' metodu projbit, is-sejbiet għandhom jiġu rraportati lill-atleta, lill-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atleta, lill-KAD, u lill-WADA;

(i) il-KAD għandha tkompli tagħmel kull investigazzjoni ta' prosegwiment kif jista' jkun meħtieġ skont il-lista projbita. Kif titlesta din l-investigazzjoni ta' prosegwiment, il-KAD għandha tinnotifika minnufih lill-atleta dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni ta' prosegwiment u jekk il-KAD ssostnix jew le li kien hemm ksur tar-regoli tal-*anti-doping*; u

(j) għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping* evidenti li ma jinvolvux sejbiet analitiċi avversi, l-KAD għandha tkompli tagħmel kull investigazzjoni oħra li hi neċessarja u għandha tinnotifika minnufih lill-atleta bir-regola tal-*anti-doping* li jkun jidher li nkisret, u l-bażi ta' dan il-ksur. L-assoċjazzjoni nazzjonali għandha tlesti kull investigazzjoni fi żmien tletin ġurnata;

(k) kif tirċievi sejba atipika, il-KAD għandha tagħmel reviżjoni sabiex tiddetermina jekk:

(i) ingħatatx jekk ser jingħata *TUE* applikabbli kif provdut fl-i*standard* internazzjonali għal *TUE*s; jew

(ii) hemmx xi devjazzjoni evidenti mill-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet jew l-

I*standard* Internazzjonali tal-Laboratorji li kkawżaw is-sejba atipika;

(l) f'kaz li r-reviżjoni skont il-paragrafu (1)(k) ma tirrivelax *TUE* applikabbli, jew devjazzjoni il kkawżat is-sejba analitka avversa, il-KAD għandha twettaq l-investigazzjoni neċessarja. Wara li tkun tlestiet l-investigazzjoni, l-atleta u organizzazzjonijiet l-oħra tal-*anti-doping* imsemmija fir-regolament 15(3) għandhom jiġu notifikati dwar jekk is-sejba atipika hux ser titmexxa 'l quddiem bħala sejba analitika avversa. L-atleta għandu jiġi notifikat kif provdut fis-subregolament (1)(ċ);

(m) Il-KAD ma għandhiex tagħti notifika ta' sejba atipika sakemm tlesti l-investigazzjoni u tkun iddeċidiet jekk hijiex ser tressaq 'il quddiem is-sejba atipika bħala sejba analitika avversa sakemm teżisti waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) f'każ li l-KAD tiddetermina li l-kampjun B għandu jiġi analizzat qabel il-konklużjoni tal-investigazzjoni tagħha taħt is-subregolament 1(k), il-KAD tista' twettaq analiżi tal-kampjun B wara li tinnotifika lill-atleta, u dik in-notifika għandha tinkludi deskrizzjoni tas-sejba atipika u l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1)(b)(iv), (v) u (vi);

(ii) f'każ li l-KAD tirċievi talba, jew minn organizzazzjoni ta' avveniment maġġuri, ftit qabel wieħed mill-avvenimenti internazzjonali tagħha, jew talba mingħand organizzazzjoni sportiva responsabbli li tilħaq skadenza imminenti biex tagħżel il-membri ta' skwadra għal avveniment internazzjonali, li tiżvela jekk atleta identifikat fuq lista maħruġa mill-organizzazzjoni tal-avveniment maġġuri jew organizzazzjoni sportiva għandux sejba atipika pendenti, il-KAD għandha tidentifika tali atleta wara li tkun innotifikat lill-atleta dwar is-sejba atipika;

(n) l-analiżi ta' sejbiet tal-passaport atipiċi jew sejbiet tal-passaport avversi għandhom isiru kif stipulat fl-i*standard* internazzjonali għall-ittestajar u l-investigazzjonijiet u l-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji. Meta l-KAD tkun sodisfatta li sar ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, hija għandha tinnotifika minnufih lill-atleta, skont il-proċeduri msemmija fis-subregolament (1)(ċ), tar-regola tal-*anti-doping* miksura, u l-bażi tal-ksur. Organizzazzjonijiet oħra tal-*anti-doping*

għandhom jiġu notifikati kif previst mir-regolament 15(3);

(o) l-analiżi ta' *filing failures* potenzjali u testijiet maqbuża għandha ssir kif previst mill-istandard internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet. Meta l-federazzjoni internazzjonali jew il-KAD jikkunsidraw illi seħħ ksur tar-regoli tal-*anti-doping* kif dispost fir-regolament 3(2)(d), hija għandha tinnotifika lill-atleta minnufiħ, bil-mod kif imsemmi f'dawn ir-regolamenti, illi qiegħdha tallega ksur tar-regolament 3(2)(d) u l-bażi għal tali allegazzjoni. Organizzazzjonijiet oħra tal-*anti-doping* għandhom jiġu notifikati bil-mod stipulat fir-regolament 15(3);

(p) il-KAD għandha twettaq kull investigazzjoni ulterjuri fuq ksur possibbli tar-regoli tal-*anti-doping* kif jista' jkun meħtieġ mill-*policies* tal-*anti-doping* applikabbli u dawn ir-regolamenti jew fejn il-KAD tikkonsidra li hu xieraq. Meta l-KAD tikkonsidra illi seħħ ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, hija għandha tinnotifika lill-atleta jew persuna oħra minnufih, bil-mod kif imsemmi f'dawn ir-regolamenti, tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u l-bażi għal ksur bħal dan. Organizzazzjonijiet oħra tal-*anti-doping* għandhom jiġu notifikati bil-mod provdut fir-regolament 15(3).

(2) Il-ġestjoni tar-riżultati u t-tmexxija ta' proċeduri ta' smigħ għal testijiet magħmula mill-organizzazzjoni ta' avveniment maġġuri għandhom jiġu amministrati mill-federazzjoni internazzjonali, minbarra s-sanzjonijiet lil hinn mill-iskwalifika mill-avveniment jew tar-riżultati tal-avveniment.

(3) L-assoċjazzjoni nazzjonali, wara konsultazzjoni mal-KAD, għandha tissospendi atleta temporanjament qabel jingħata l-opportunità ta' smigħ komplut ibbażat fuq sejba analitika avversa mill-kampjun A jew mill-kampjuni A u B tal-atleta u r-reviżjoni deskritta fis-subregolament (1). Fl-eventwalità ta' riżultat negattiv wara l-ittestjar tal-kampjun B, is-sospensjoni titneħħa awtomatikament u l-atleta jitħalla jikkompeti minnufih.

(4) Fejn tiġi imposta sospensjoni proviżorja fuq atleta, l-atleta għandu jingħata jew:

(a) smigħ proviżorju qabel l-impożizzjoni tas-sospensjoni proviżorja; jew

(b) smigħ proviżorju mill-aktar fis possibbli, fi żmien għaxart ijiem, wara li tiġi imposta sospensjoni proviżorja. Estensjonijiet jistgħu jingħataw man-notifika bil-miktub; jew

(ċ) smigħ mgħaġġel mill-aktar fis possibbli wara li tiġi imposta sospensjoni proviżorja.

(5) Il-proċeduri tas-smigħ proviżorji kollha għandhom jitwettqu skont il-proċedura stabbilita fir-regolament 9.

(6) Fejn ġiet imposta sospensjoni proviżorja relatata ma' rapport ta' uffiċjal tal-kontroll tad-*doping* jew dokumentazzjoni relatata li turi l-possibilità ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u l-KAD tiddetermina, wara s-sottomissjoni tal-atleta, li ma kien hemm l-ebda ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, is-sospensjoni provizjorja għandha tigi revokata minnufih.

(7) Sospensjoni proviżorja tista' tiġi revokata f'każ li l-atleta, waqt is-smigħ proviżorju, juri li l-ksur tar-regoli probabilment seħħ minħabba prodott ikkontaminat. Deċiżjoni mill-*panel* li ma jirrevokax sospensjoni temporanja minħabba l-affermazzjoni tal-atleta fir-rigward ta' prodott ikkontaminat mhijiex appellabbli.

(8) F'każ illi l-KAD tkun aċċertat ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, irtirat l-affermazzjoni tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping,* imponiet sospensjoni proviżorja, jew qablet ma' atleta jew persuna oħra fuq l-impożizzjoni ta' sanzjoni mingħajr smigħ, il-KAD għandha minnufih tinforma l-federazzjoni internazzjonali u l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atleta, organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* oħrajn u l-WADA.

(9) Jekk atleta jew persuna oħra jirtiraw waqt li jkun għaddej proċess tal-analiżi tar-riżultati, l-organizzazzjoni tal-*anti-doping* li tkun qed tmexxi dan il-proċess tal-analiżi tar-riżultati jibqa' jkollha l-kompetenza sabiex ittemm il-proċess tal-analiżi tar-riżultati tagħha. Jekk atleta jew persuna oħra jirtiraw qabel ma jkun beda xi proċess għall-analiżi tar-riżultati, l-organizzazzjoni tal-*anti-doping* li kien ikollha l-kompetenza fuq l-analiżi tar-riżultati tal-atleta jew persuna oħra fiż-żmien meta l-atleta jew persuna oħra kkommettew ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, għandu jkollha l-kompetenza biex tmexxi fuq l-analiżi ta' dawn ir-riżultati.

Dritt għal smigħ xieraq u notifika tad-deċiżjoni tas-smigħ.

**9.** (1) Meta jidher, wara l-proċess tal-analiżi tar-riżultati deskritt fir-regolament 8, li dawn ir-regolamenti nkisru, l-atleta jew persuna oħra involuta għandha tingħieb quddiem *panel* dixxiplinarju tal-KAD jew tal-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atleta jew ta' persuna oħra għal smigħ dixxiplinari sabiex jigi aġġudikat jekk kienx hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti u jekk hu l-każ, x'sanzjonijiet għandhom jiġu imposti.

(2) Il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD għandu s-setgħa li jisma' u

jiddetermina l-kwistjonijiet kollha fuq kwalunkwe materja li jiġu riferuti lilu skont dawn ir-regolamenti. B'mod partikolari, il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD għandu s-setgħa li jiddetermina l-konsegwenzi ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li għandhom jiġu imposti skont dawn ir-regolamenti.

(3) Il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD għandu, bħala minimu, jagħti smigħ xieraq lill-atleta jew persuna oħra fi żmien raġjonevoli. Is-smigħ għandu jinżamm b'mod sommarju u l-*panel* dixxiplinarju tal-KAD jista' jagħmel iktar minn seduta waħda għal raġunijiet eċċezzjonali biss.

(4) Wara s-smigħ il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD għandu, sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata mid-data tas-smigħ, jagħti deċiżjoni dettaljata bir-raġunijiet, li speċifikatament tinkludi spjegazzjoni tar-raġunijiet li wasslu għal kwalunkwe perjodu ta' ineliġibbiltà, u għandha tiġi żvelata pubblikament skont ir-regolament 15(6).

(5) Il-membri maħtura tal-*panel* ma għandu jkollhom l-ebda involviment mal-każ fil-passat. Kull membru, meta jiġi maħtur, għandu jiżvela liċ-*chairman* kwalunkwe ċirkostanza li tista' taffettwa l-imparzjalità tagħhom fil-każ odjern.

(6) Id-dritt tal-atleta jew persuna oħra għal smigħ jista' jiġi rrinunzjat, kemm espressament jew bin-nuqqas min-naħa tal-atleta jew persuna oħra milli jikkontesta l-allegazzjoni tal-KAD jew tal-assoċjazzjoni nazzjonali rilevanti, li twettaq ksur tar-regoli tal-*anti-doping* fil-perjodu ta' żmien speċifiku dispost f'dawn ir-regolamenti.

(7) Id-deċiżjoni dettaljata bir-raġunijiet tas-smigħ, jew f'każijiet fejn is-smigħ ġie rrinunzjat, deċiżjoni dettaljata bir-raġunijiet li tispjega l-azzjoni meħuda, għandha tingħata mill-KAD lill-atleta u lill-organizzazzjonijiet oħra tal-*anti-doping* li għandhom dritt ta' appell skont l-artikolu 13.2.3 tal-Kodiċi, hekk kif stipulat fir-regolament 15(4).

(8) Allegat ksur tar-regolamenti tal-*anti-doping* kontra atleti ta' livell internazzjonali jew atleti ta' livell nazzjonali jistgħu, bil-kunsens tal-atleta, tal-KAD, tal-WADA, u ta' kull organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping* li jkollhom dritt għal appell quddiem il-CAS fuq deċiżjoni tal-prima istanza, jinstemgħu direttament mill-CAS, mingħajr il-bżonn ta' smigħ preċedenti.

Skwalifika awtomatika tar-riżultati individwali.

**10.** Il-ksur ta' dawn ir-regoli fi *sports* individwali konness ma' *test in-competition* iwassal awtomatikament għal skwalifika tar-riżultat miksub f'dik il-kompetizzjoni bil-konsegwenzi kollha

riżultanti, inkluż it-telf ta' xi midalji, punti u premijiet.

Ksur tar-regoli tal-*anti-doping*.

**11.** (1) Il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li jseħħ matul jew b'rabta ma' avveniment, b'deċizjoni tal-korp regolatorju tal-avvenmiment, iwassal għal skwalifika tar-riżultati kollha tal-atleta miksuba f'dak l-avveniment bil-konsegwenzi kollha, inkluż it-telf tal-midalji, punti u premijiet kollha, wara li jiġu kkunsidrati l-fatturi kollha elenkati fl-artikolu 10.1 tal-Kodiċi. Madanakollu, jekk l-atleta jistabbilixxi li ma kien hemm l-ebda nuqqas jew ma kienx negliġenti fil-kommissjoni tal-ksur, ir-riżultati individwali tal-atleta fil-kompetizzjoni l-oħra ma għandhomx jiġu skwalifikati, sakemm ir-riżultati tal-atleta f'kompetizzjoni minbarra dik il-kompetizzjoni li fiha seħħ il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, possibbilment ġew affettwati mill-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* mill-atleta.

(2) Il-perjodu ta' ineliġibbiltà għall-ksur tar-regolament 3(2)(a), (b) u (f), suġġett għal tnaqqis potenzjali jew sospensjoni skont is-subregolamenti (4), (5) jew (6), għandu jkun kif ġej:

(a) il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' erba' snin meta:

(i) il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma jinvolvix sustanza speċifikata, sakemm l-atleta jew il-persuna oħra jista' jistabilixxi illi l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma kienx intenzjonali;

(ii) il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jinvolvi sustanza speċifikata u l-KAD tista' tistabilixxi illi l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* kien intenzjonali.

(b) il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' sentejn, fejn is-subregolament (2)(a) ma japplikax;

(ċ) il-kelma 'intenzjonali', msemmija fis-subregolamenti (2) u (3), għandha tinftiehem bħala identifikazzjoni ta' dawk l-atleti li jqarrqu. Għalhekk il-kelma 'intenzjonali' tirrikjedi illi l-atleta jew persuna oħra li jinvolvu ruħhom f'imġieba li hu jew huma jafu li tikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jew jafu illi hemm riskju sinifikanti illi l-imġieba tista' tikkostitwixxi jew tirriżulta fi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u manifestament jinjoraw dak ir-riskju. Ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li jirriżulta minn sejba analitika avversa għal sustanza li hija projbita biss *in-competition* għandha tiġi preżunta, b'mod ribattibbli, li mhijiex intenzjonali jekk is-sustanza hija sustanza speċifikata u l-atleta jista' juri illi s-sustanza projbita kienet użata *out-of-competition*. Ksur tar-regoli

tal-*anti-doping* li jirriżulta minn sejba analitika avversa għal sustanza li hija projbita biss *in-competition* ma għandhiex tiġi meqjusa bħala 'intenzjonali' jekk is-sustanza mhijiex sustanza speċifikata u l-atleta jista' juri illi s-sustanza projbita kienet użata *out-of-competition* f'kuntest li mhux relatat ma' prestazzjoni sportiva.

(3) Il-perjodu ta' ineliġibbiltà għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping,* minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (2), għandu jkun kif ġej, sakemm is-subregolamenti (5) u (6) huma applikabbli:

(a) għal ksur tar-regolament 3(2)(ċ) jew ir-regolament 3(2)(e), il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' erba' snin, sakemm, f'każ ta' nuqqas ta' sottomissjoni għall-kollezzjoni tal-kampjun, l-atleta jista' juri li t-twettiq tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma kienx intenzjonali, kif mfisser fis-subregolament (2)(ċ), f'liema każ il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' sentejn;

(b) għal ksur ta' regolament 3(2)(d), il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' sentejn, illi jista' jitnaqqas għal minimu ta' sena, skont il-grad ta' tort tal-atleta. Il-flessibiltà bejn il-perjodu ta' sentejn u sena ta' ineliġibbiltà f'dan is-subregolament ma tapplikax għal atleti fejn rikorrenza ta' bidliet fil-postijiet fejn ikunu s-soltu jew mġieba oħra tqajjem suspett serju illi l-atleta kien qed jipprova jevita li jkun disponibbli għall-ittestjar

(ċ) għal ksur tar-regolament 3(2)(h) jew (i), il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun minimu ta' erba' snin sa għomor, skont il-gravità tal-ksur. Ksur tar-regolament 3(2)(h) jew (i) li jinvolvi minuri għandu jitqies bħala ksur serju, u, jekk ikun kommess mill-persunal tal-appoġġ tal-atleta għal ksur minbarra għal sustanzi speċifikati, għandu jirriżulta f'ineliġibbiltà għall-għomor tal-persunal tal-appoġġ tal-atleta. Barra minn hekk, ksur sinifikanti tar-regolament 3(2)(h) jew (i), li jistgħu jiksru wkoll liġijiet regolamenti mhux sportivi, għandhom jiġu rapportati lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti;

(d) għal ksur tar-regolament 3(2)(j), il-perjodu ta' ineliġibbiltà impost għandu jkun minimu ta' sentejn, sa erba' snin, skont il-gravità tal-ksur;

(e) għal ksur tar-regolament 3(2)(k), il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun ta' sentejn ineliġibbiltà, li jista' jinżel għal minimu ta' sena, skont il-grad tan-nuqqas tal-atleta jew persuna oħra u ċirkostanzi oħra tal-każ.

(4) Il-perjodu ta' ineliġibbiltà għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping* għandu jiġi mħassar jew imnaqqas, meta ċ-ċirkostanzi li ġejjin iseħħu:

(a) meta atleta jew persuna oħra tistabbilixxi f'każ individwali li ma għandha l-ebda nuqqas jew negliġenza, il-perjodu li kien ikun applikabbli f'ċirkostanzi differenti għandu jiġi eliminat.

(b) perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jiġi mnaqqas meta ma jkunx hemm nuqqas sinjifikanti jew negliġenza:

(i) meta l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jinvolvi sustanza speċifika, u l-atleta u jew persuna oħra turi li ma kellha l-ebda nuqqas sinjifikant jew negliġenza, il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun, bħala minimu, twissija u l-ebda perjodu ta' ineliġibbiltà, u bħala massimu, sentejn ta' ineliġibbiltà, skont il-grad tan-nuqqas tal-atleta jew persuna oħra;

(ii) f'każijiet fejn l-atleta jew persuna oħra tista' turi li ma kellha l-ebda nuqqas sinjifikant jew negliġenza u li s-sustanza projbita individwata ġiet minn prodott ikkontaminat, il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun, bħala minimu, twissija u l-ebda perjodu ta' ineliġibbiltà, u bħala massimu, sentejn ta' ineliġibbiltà, skont il-grad tan-nuqqas tal-atleta jew persuna oħra;

(iii) meta atleta jew persuna oħra turi f'każ individwali, fejn is-subregolamenti (4)(b)(i) jew (4)(b)(ii) mhux applikabbli, li ma kellha l-ebda tort sinjifikanti jew negliġenza, suġġetta għal riduzzjoni ulterjuri jew tneħħija tal-perjodu ta' ineliġibbiltà kif stipulat fis-subregolament (4)(d), il-perjodu ta' ineliġibbiltà applikabbli jista' jiġi mnaqqas skont il-grad ta' tort tal-atleta jew ta' persuna oħra, iżda l-perjodu ta' ineliġibbiltà mnaqqas ma jistax ikun inqas min-nofs il-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli. Jekk il-perjodu ta' ineliġibbiltà applikabbli kien ikun ta' għomor, il-perjodu mnaqqas taħt dan is-subregolament ma għandux ikun inqas minn tmien snin:

Iżda s-subregolamenti (4)(a) u (4)(b)(iii) għandhom ikunu applikabbli biss għall-impożizzjoni tas-sanzjonijiet. Ma jkunux applikabbli għad-deċiżjoni rigward jekk kienx hemm ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u għandhom japplikaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali

(ċ) atleta jew persuna oħra ma jistax jinvoka l-ebda nuqqas jew negliġenza taħt is-subregolament (4)(a) fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) f'każ ta' test pożittiv minn vitamina kkontaminata jew ittikkettata ħażin jew suppliment ta' nutriment;

(ii) f'każ ta' somministrazzjoni ta' sustanza projbita mit-tabib personali jew it-trejner tal-atleta meta l-atleta ma jkunx infurmat; u

(iii) f'każ ta' sabutaġġ tal-ikel jew tax-xorb tal-atleta min-naħa tal-konjuġi, kowċ, jew persuna oħra fiċ-ċirku ta' persuni assoċjati mal-atleta:

Iżda, b'mod dipendenti mill-fatti uniċi ta' każ partikolari, kull ċirkostanza msemmija f'dan is-subregolament tista' tirriżulta f'sanzjoni mnaqqsa taħt is-subregolament (4)(b);

(d) perjodu ta' ineliġibbiltà jew konsegwenzi oħra li għandhom jiġu mneħħija, mnaqqsa jew sospiżi, għal raġunijiet minbarra t-tort:

(i) il-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, tista' qabel id-deċiżjoni finali tal-appell taħt ir-regolament 14, jew l-iskadenza taż-żmien għall-appell, tissospendi parti mill-perjodu ta' ineliġibbiltà impost f'każ individwali fejn l-atleta jew persuna oħra provdiet assistenza sostanzjali lill-organizzazzjoni tal-*anti-doping*, awtorità kriminali jew bord dixxiplinarju professjonali li tirriżulta:

(aa) li organizzazzjoni tal-*anti-doping* tiskopri jew tmexxi għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping* minn persuna oħra; jew

(bb) li bord kriminali jew bord dixxiplinarju jiskopri jew imexxi għal reat kriminali jew ksur tar-regoli professjonali imwettqa minn persuna oħra, u l-informazzjoni mogħtija mill-persuna li tat assistenza sostanzjali tingħata lill-organizzazzjoni tal-*anti-doping* li għandha r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riżultati.

Wara d-deċiżjoni finali tal-appell taħt ir-regolament 14 jew l-iskadenza taż-żmien tal-appell,

il-KAD tista' tissospendi biss parti mill-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli bl-approvazzjoni tal-WADA u l-federazzjoni internazzjonali applikabbli. It-tul tal-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli li jista' jiġi sospiż għandu jkun ibbażat fuq il-gravità tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* kommess mill-atleta jew persuna oħra u l-importanza tal-assistenza sostanzjali provduta mill-atleta jew persuna oħra fl-isforz sabiex jiġi eliminat id-*doping* fl-i*sport*. Ma jistax jiġi sospiż aktar minn tliet kwarti tal-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli. Jekk il-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli jkun ta' ineliġibbiltà għall-għomor, il-perjodu mhux sospiż taħt dan ir-regolament ma għandux ikun inqas minn tmien snin. Jekk l-atleta jew persuna oħra ma tkomplix tgħin u tikkopera u tipprovdi assistenza sostanzjali kompluta u kredibbli li fuqha kienet ibbażata s-sospensjoni tal-perjodu tal-ineliġibbiltà, il-KAD għandha tintroduċi mill-ġdid l-perjodu ta' ineliġibbiltà oriġinali. Jekk il-KAD tiddeċiedi li tintroduċi mill-ġdid l-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ġie sospiż jew tiddeċiedi li ma tintroduċix mill-ġdid perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ġie sospiż, dik id-deċiżjoni tista' tiġi appellata minn kull persuna li għandha dritt għal appell skont ir-regolament 14:

Iżda l-WADA tista' taqbel li f'kull stadju tal-proċess tal-ġestjoni tar-riżultat, inkluż il-perjodu wara d-deċiżjoni tal-appell finali taħt ir-regolament 14, għal dak li tikkonsidra bħala sospensjoni xierqa tal-perjodu ta' ineliġibbiltà u l-konsegwenzi l-oħra li kienu jkunu applikabbli. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-WADA tista' taqbel ma' sospensjonijiet tal-perjodu ta' ineliġibbiltà u konsegwenzi oħra għal assistenza sostanzjali ikbar minn dawk previsti f'dan ir-regolament, jew ukoll l-ebda perjodu ta' ineliġibbiltà, u, jew l-ebda rifużjoni tal-flus riċevuti bħala premju jew il-ħlas ta' multi jew spejjeż. L-approvazzjoni tal-WADA hija suġġetta għall-introduzzjoni mill-ġdid tas-sanzjoni, jew kif b'mod ieħor provdut f'dan ir-regolament. Minkejja dak dispost fir-regolament 14, id-deċiżjonijiet tal-WADA fil-kuntest ta' dan ir-regolament ma jistgħux jiġu appellati minn ebda organizzazzjoni tal-*anti-doping* oħra:

Iżda wkoll jekk il-KAD tissospendi parti minn sanzjoni li kienet tkun applikabbli minħabba assistenza sostanzjali, notifika li tagħti ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni għandha tingħata lill-organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* l-oħra li għandhom dritt għal appell skont l-artikolu 13.2.3 tal-Kodiċi kif provdut fir-regolament 15(4). F'ċirkostanzi uniċi, fejn il-WADA tiddetermina li jkun fl-aħjar interess tal-*anti-doping*, il-WADA tista' tawtorizza lill-KAD, jew lil organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping*, biex tidħol f'kuntratti ta' konifdenzjalità xierqa li jillimitaw jew jittardjaw l-iżvelar tal-ftehim tal-assistenza sostanzjali jew in-natura tal-assistenza sostanzjali li qed tingħata;

(ii) fejn atleta jew persuna oħra jammettu volontarjament l-għemil ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* qabel ma tirċievi notifika ta' ġbir tal-kampjun li jista' jistabbilixxi l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jew, fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* minbarra dawk stipulati fir-regolament 3(2)(a), qabel ma tkun riċevuta l-ewwel notifika tal-ksur ammessa skont ir-regolament 8 u dik l-ammissjoni hi l-unika evidenza ta' min wieħed joqgħod fuqha tal-ksur tar-regoli fil-ħin tal-ammissjoni, f'dak il-każ il-perjodu ta' ineliġibbiltà jista' jitnaqqas, iżda mhux inqas min-nofs tal-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli;

(iii) atleta jew persuna oħra potenzjalment soġġetti għal sospensjoni ta' erba' snin skont is-subregolament (2)(a) jew (3)(a), għall-evażjoni jew rifjut tal-ġbir tal-kampjun jew tbagħbis tal-ġbir tal-kampjun, billi tammetti immedjatament id-dikjarazzjoni ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* wara li tiġi konfrontata mill-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, kif ukoll wara l-approvazzjoni u fid-diskrezzjoni tal-WADA u tal-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, tista' tirċievi tnaqqis mill-perjodu ta' ineliġibbiltà sa minimu ta' sentejn, skont il-gravità tal-ksur u l-grad ta' tort tal-atleta jew persuna oħra;

(iv) meta atleta jew persuna oħra turi li hija intitolata għal tnaqqis ta' sanzjoni taħt iktar minn dispożizzjoni waħda mis-subregolamenti (4)(a) sa (4)(d), qabel jiġi applikat kull tnaqqis jew sospensjoni taħt is-subregolament (4)(d), il-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli għandu jiġi determinat skont dak dispost fis-subregolamenti (2), (3), (4)(a) u (4)(b). Jekk l-atleta

jew persuna oħra turi li hija intitolata għal tnaqqis jew sospensjoni tal-perjodu ta' ineliġibbiltà skont is-subregolament (4)(d), il-perjodu ta' ineliġġibiltà jista' jiġi mnaqqas jew sospiż, iżda għal mhux inqas minn kwart tal-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli.

(5) Il-perjodu ta' ineliġibbiltà ta' atleta jew persuna oħra għat-tieni ksur tar-regoli tal-*anti-doping* għandu jkun l-itwal minn:

(a) sitt xhur;

(b) nofs il-perjodu ta' ineliġibbiltà impost għall-ewwel ksur tar-regoli tal-*anti-doping* migħajr ma jiġi kkunsidrat l-ebda tnaqqis taħt is-subregolament (4)(d); jew

(ċ) id-doppju tal-perjodu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli għat-tieni ksur tar-regoli tal-*anti-doping* meta jiġi trattat daqs li kieku kien l-ewwel ksur, mingħajr ma jiġi kkunsidrat l-ebda tnaqqis taħt is-subregolament (4)(d):

Iżda l-perjodu ta' ineliġibbiltà stabbilit hawn fuq jista' jiġi imnaqqas ulterjorment bl-applikazzjoni tas-subregolament (4)(d).

(6) It-tielet ksur tar-regoli tal-*anti-doping* għandu dejjem jirriżulta f'perjodu ta' ineligibbiltà għall-għomor, ħlief, jekk it-tielet ksur jissodisfa l-kundizzjoni għat-tneħħija jew tnaqqis tal-perjodu ta' ineliġibbiltà taħt subregolamenti (4)(a) jew (4)(b) jew tinvolvi ksur tar-regolament 3(2)(d). F'dawn il-każijiet partikolari, il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jkun minn tmien snin sa ineliġibbiltà għall-għomor.

(7) Ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li għalih l-atleta jew persuna oħra uriet li ma kellha l-ebda tort jew negliġenza ma għandux jiġi kkunsidrat bħala ksur preċedenti għal finijiet tas-subregolamenti (5) u (6).

(8) Għall-finijiet ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet taħt is-subregolamenti (5) u (6), ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ikun ikkonsidrat bħala t-tieni ksur biss jekk il-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali tista' tistabbilixxi li l-atleta jew persuna oħra kkommettiet it-tieni ksur tar-regoli tal-*anti-doping* wara li l-atleta jew persuna oħra tkun irċeviet notifika b'mod konformi mar-regolament 8, jew wara li l-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali tkun għamlet sforzi raġjonevoli sabiex tavża permezz ta' notifika dwar l-ewwel ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Jekk il-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali ma tistax tistabbilixxi dan, iż-żewġ istanzi ta' ksur għandhom jiġu kkunsidrati

flimkien bħala l-ewwel ksur waħdieni, u s-sanzjoni imposta għandha tkun ibbażata fuq il-ksur li jġorr miegħu l-aktar sanzjoni severa.

(9) Jekk, wara l-impożizzjoni ta' sanzjoni għall-ewwel ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, il-KAD tiskopri fatti li jinvolvu ksur tar-regoli tal-*anti-doping* mill-atleta jew persuna oħra li seħħ qabel in-notifika rigward l-ewwel ksur, f'dan il-każ, il-KAD għandha timponi sanzjoni addizzjonali bbażata fuq is-sanzjoni li setgħet ġiet imposta li kieku ż-żewg istanzi ta' ksur ġew deċizi fl-istess ħin. Ir-riżultati fil-kompetizzjonijiet kollha li jmorru lura sad-data tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* preċedenti jiġu skwalifikati kif inhu stipulat fis-subregolament (11).

(10) Għall-finijiet tas-subregolamenti (5) u (6), sabiex kull ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jiġi kkunsidrat bħala ksur multiplu, dawn għandhom iseħħu fl-istess perjodu ta' għaxar snin.

(11) B'żieda mal-iskwalifika awtomatika tar-riżultati fil-kompetizzjoni li ipproduċiet il-kampjun pożittiv taħt ir-regolament 10, ir-riżultati kompetittivi l-oħra kollha tal-atleta miksuba mid-data meta inġabar l-kampjun pożittiv, irrispettivament jekk humiex *in-competition* jew *out-of-competition*, jew seħħ ksur ieħor tar-regoli tal-*anti-doping* fil-bidu ta' kull sospensjoni proviżorja jew perjodu ta' ineliġibbiltà, għandhom, sakemm is-sens ta' ġustizzja ma jitlobx mod ieħor, jiġu skwalifikati bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw inkluż it-telf għad-dritt ta' midalji, punti u premijiet.

(12) Il-prijorità għar-rifużjoni tal-ispejjeż tad-deċiżjoni tal-CAS u l-premijiet finanzjarji mitlufa għandha tkun fl-ordni kif ġej:

(a) il-ħlas tal-ispejjeż deċiżi mill-CAS;

(b) l-allokazzjoni mill-ġdid tal-premijiet finanzjarji mitlufa mill-atleti oħra jekk huwa stipulat fir-regoli tal-federazzjoni internazzjonali applikabbli; u

(ċ) ir-rimbors tal-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-*anti-doping* illi mexxiet il-ġestjoni tar-riżultati fil-każ.

(13) Il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, jista' jordna lill-atleta jew persuna oħra biex tħallas lill-KAD, jew lill-assoċjazzjoni nazzjonali, għall-ispejjeż kollha minfuqa fil-każ. Il-*panels* jistgħu jimponu ukoll multa lill-atleta jew persuna oħra, għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Iżda tali sanzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu imposti biss f'każijiet fejn il-perjodu massimu ta' ineliġibbiltà li kien ikun applikabbli kien diġà ġie impost. Sanzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu imposti biss meta ikun sodisfatt il-

prinċipju tal-proporzjonalità. L-ebda rkupru ta' spejjeż jew sanzjoni finanzjarja ma jista' jiġi kkunsidrat bħala bażi għat-tnaqqis ta' ineliġibbiltà jew sanzjoni oħra li kienet tkun applikabbli skont dawn ir-regolamenti.

(14) Il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jibda mid-data tad-deċiżjoni tas-smigħ li tipprovdi l-ineliġibbiltà jew, jekk is-smigħ jiġi rrinunzjat jew ma jsirx smigħ, fid-data meta l-ineliġibbiltà tiġi aċċettata jew imposta. Fejn kien hemm dewmien sostanzjali fil-proċess tas-smigħ jew f'aspetti oħra tal-kontroll tad-*doping* mhux attribwibbli għall-atleta jew persuna oħra, il-*panel* dixxiplinarju tal-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali li timponi s-sanzjoni, jista' jagħti bidu għall-perjodu ta' ineliġibbiltà f'data aktar kmieni li tibda sa mid-data tal-ġbir tal-kampjun jew id-data meta seħħ l-aħħar ksur ieħor tar-regoli tal-*anti-doping*. Ir-riżultati kompetittivi kollha miksuba waqt il-perjodu ta' ineliġibbiltà, inkluża l-ineliġibbiltà retroattiva, għandhom jiġu skwalifikati.

(15) Fejn l-atleta jew persuna oħra tammetti minnufih, li fil-każijiet kollha, għal atleta tfisser qabel l-atleta jerġa' jikkompeti, il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* wara li jiġi kkonfrontat bi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* mill-KAD, jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali, il-perjodu ta' ineliġibbiltà jista' jibda sa mid-data tal-ġbir tal-kampjun jew mid-data li fiha jkun seħħ l-aħħar ksur ieħor tar-regoli tal-*anti-doping*. F'kull każ, madankollu, fejn dan is-subregolament hu applikat, l-atleta jew persuna oħra għandha sservi mill-inqas nofs il-perjodu ta' ineliġibbiltà li jmur 'il quddiem mid-data meta l-atleta jew persuna oħra aċċettat l-impożizzjoni ta' sanzjoni, id-data tad-deċizjoni tas-smigħ li imponiet sanzjoni jew id-data li fiha s-sanzjoni ġiet imposta:

Iżda dan is-subregolament ma għandux japplika fejn il-perjodu ta' ineliġibbiltà ikun diġà tnaqqas skont is-subregolament (4)(d)(iii).

(16) Jekk sospensjoni proviżorja ġiet imposta u rrispettata mill-atleta jew persuna oħra, f'dak il-każ, l-atleta jew il-persuna oħra, għandha tirċievi kreditu għal dak il-perjodu ta' sospensjoni proviżorja kontra kull perjodu ta' ineliġibbiltà li fl-aħħar mill-aħħar jista' jiġi impost. Jekk perjodu ta' ineliġibbiltà jiġi skontat fuq il-bażi ta' deċiżjoni illi tiġi sussegwentement appellata, l-atleta jew il-persuna oħra għandha tirċievi kreditu għal dak il-perjodu ta' ineliġibbiltà li ġie servut kontra kull perjodu ta' ineliġibbiltà li jista' fl-aħħar mill-aħħar jiġi impost fl-appell.

(17) Jekk atleta jew persuna oħra taċċetta volontarjament sospensjoni proviżorja bil-miktub mill-KAD, jew l-assoċjazzjoni

nazzjonali, u wara jirrispetta s-sospensjoni proviżorja, l-atleta, jew il-persuna oħra, għandha tirċievi kreditu għal dan il-perjodu ta' sospensjoni proviżorju volontarju kontra kull perjodu ta' ineliġibbiltà li fl-aħħar mill-aħħar jista' jiġi impost. Kopja tal-aċċettazzjoni volontarja tal-atleta jew persuna oħra tas-sospensjoni proviżorja għandha tingħata minnufih lil kull parti li hi intitolata li tirċievi notifika ta' dikjarazzjoni ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* skont is-subregolament 15(3).

(18) L-ebda kreditu kontra perjodu ta' ineliġibbiltà ma għandu jingħata għal xi perjodu ta' żmien qabel id-data effettiva tas-sospensjoni proviżorja jew sospensjoni proviżorja volontarja irrispettivament jekk l-atleta għażilx li ma jikkompetix jew ġiex sospiż mit-tim tiegħu.

(19) F'*team sports*, fejn il-perjodu ta' ineliġibbiltà jiġi impost fuq skwadra, sakemm is-sens ta' ġustizzja ma jirrikjedix mod ieħor, il-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jibda mid-data tad-deċiżjoni finali tas-smigħ li tiddeċiedi l-ineliġibbiltà, jew, jekk is-smigħ jiġi rrinunzjat, mid-data meta l-ineliġibbiltà ġiet aċċettata jew b'mod ieħor imposta. Kull perjodu ta' sospensjoni proviżorja ta' skwadra, sew jekk impost jew aċċettat volontarjament, għandu jiġi kkreditat kontra l-perjodu totali ta' ineliġibbiltà li għandu jiġi skontat.

(20) L-ebda atleta jew persuna oħra li ġiet iddikjarata ineliġibbli ma tista', matul il-perjodu ta' ineliġibbiltà, tieħu sehem f'xi kapaċità f'kompetizzjoni jew f'attività, minbarra programmi edukattivi jew ta' riabilitazzjoni tal-*anti-doping* awtorizzati, awtorizzati jew organizzati mill-Kunsill, il-KAD, il-Kumitat Olimpiku Malti, assoċjazzjonijiet nazzjonali jew *clubs*, jew kompetizzjonijiet awtorizzati jew organizzati minn kull lega professjonali jew kull organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' livell internazzjonali jew nazzjonali jew kull attività sportiva ta' livell nazzjonali jew *elite* finanzjata mill-gvern.

(21) Atleta jew persuna oħra soġġetta għal perjodu ta' ineliġibbiltà itwal minn erba' snin tista', wara li tiskonta erba' snin mill-perjodu ta' ineliġibbiltà, tipparteċipa bħala atleta f'avvenimenti sportivi lokali mhux sanzjonati jew xort' oħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill jew organizzazzjoni sportiva rreġistrata mal-Kunsill, biss sakemm tali avveniment sportiv lokali mhuwiex ta' livell li jkun jista' jikkwalifika lill-atleta jew persuna oħra direttament jew indirettament biex jikkompeti fi, jew jakkumula punti għal, kampjonat nazzjonali jew avveniment internazzjonali, u ma jinvolvix lill-atleta jew persuna oħra f'xogħol, f'kull kapaċità, ma' minuri. Atleta jew persuna oħra soġġetta għal perjodu ta' ineliġibbiltà għandha tibqa' soġġetta għall-ittestjar.

(22) Bħala eċċezzjoni għas-subregolament (21), atleta jista' jirritorna għat-taħriġ ma' skwadra jew juża l-faċilitajiet ta' klabb jew ta' organizzazzjoni membru oħra ta' organizzazzjoni sportiva rreġistrata mal-Kunsill fl-iqsar perjodu:

(a) mill-aħħar xahrejn tal-perjodu ta' ineliġibbiltà tal-atleta; jew

(b) mill-aħħar kwart tal-perjodu ta' ineliġibbiltà impost.

(23) Fejn atleta jew persuna oħra li ġiet iddikjarata ineliġibbli tikser il-projbizzjoni tal-parteċipazzjoni waqt l-ineliġibbiltà deskritta fis-subregolament (21), ir-riżultati ta' din il-parteċipazzjoni għandhom jiġu skwalifikati u perjodu ġdid tal-ineliġibbiltà ta' daqs fit-tul mal-perjodu ta' ineliġibbiltà għandu jiġi miżjud sal-aħħar tal-perjodu oriġinali ta' ineliġibbiltà. Il-perjodu l-ġdid ta' ineliġibbiltà jista' jiġi aġġustat skont il-grad tat-tort tal-atleta jew persuna oħra u ċirkostanzi oħra tal-każ. Id-determinazzjoni ta' jekk atleta jew persuna oħra kisritx il-projbizzjoni mill-parteċipazzjoni, u jekk aġġustament huwa xieraq, għandha ssir mill-organizzazzjoni tal-*anti-doping* li l-ġestjoni tar-riżultati tagħha wasslet għall-impożizzjoni tal-perjodu ta' ineliġibbiltà inizzjali. Din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata taħt ir-regolament 14.

(24) Fejn persunal tal-appoġġ tal-atleta jew persuna oħra tassisti persuna fil-ksur tal-projbizzjoni mill-parteċipazzjoni waqt l-ineliġibbiltà, il-KAD għandha timponi sanzjonijiet għall-ksur tar-regolament 3(2)(j) għal dik l-assistenza.

(25) Minbarra dan, għal kull ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li ma jinvolvix sanzjoni mnaqqsa kif inhu deskritt fis-subregolamenti (4)(a) u (4)(b), parti minn jew l-appoġġ kollu finanzjarju jew benefiċċji oħra relatati mal-i*sport* li jiġu riċevuti minn din il-persuna għandu jinżamm mill-Kunsill, u kull entità pubblika oħra.

(26) Kull sanzjoni għandha, b'mod mandatorju, tinkludi l-pubblikazzjoni awtomatika, kif stipulat fir-regolament 15(6).

*Target testing* ta' tim.

**12.** (1) Fejn aktar minn membru wieħed ta' tim f'*team sport* ġie notifikat dwar ksur possibli tar-regoli tal-*anti-doping* skont ir-regolament 8 b'rabta ma' avveniment, il-korp regolatorju tal-avveniment għandu jagħmel *target testing* adattat tat-tim waqt il-perjodu ta' avveniment.

(2) Jekk aktar minn żewg membri ta' tim f'*team sport* jinstabu li kkommettew ksur tar-regoli tal-*anti-doping* matul perjodu ta' avveniment, il-korp regolatorju tal-avveniment għandu jimponi

sanzjoni adatta fuq it-tim, inklużi, iżda mhux esklussivi, sanzjonijiet bħal telf ta' punti, skwalifika minn kompetizzjoni jew avveniment, minbarra xi konsegwenzi imposti fuq l-atleti individwali li kkommettew il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*.

(3) Il-korp regolatorju tal-avveniment jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi regolamenti għall-avveniment li jimponu konsegwenzi għal *team sports* aktar stretti minn dawk fis-subregolament (2) għall-finijiet tal-avveniment.

Ċaħda ta' fondi.

**13.** (1) Il-Kunsill għandu l-awtorità li jżomm b'mod parzjali jew sħiħ, il-fondi kollha jew appoġġ ieħor mhux finanzjarju lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali u kull assoċjazzjoni sportiva oħra li għandu awtorità fuqha li ma japplikawx u ma jikkonformawx ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jieħu passi dixxiplinarji addizzjonali kontra assoċjazzjonijiet nazzjonali relatati mal-għarfien, l-eliġibbiltà tal-uffiċjali u atleti tagħhom sabiex jieħdu sehem f'avvenimenti nazzjonali u multi ibbażati fuq dawn li gejjin:

(a) erba' istanzi jew aktar ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti, minbarra ksur li jinvolvi r-regolamenti 3(2)(f), 11(2) u 11(3), li jkunu kommessi mill-atleti jew persuni oħra affiljati ma' assoċjazzjoni nazzjonali f'perjodu ta' tnax-il xahar f'ittestjar li jsir mill-federazzjoni internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* oħra inkluża l-KAD. F'dan il-kaz, il-Kunsill jista' b'mod diskrezzjonali jiddeċiedi sabiex jissospendi lill-uffiċjali kollha minn dik l-assoċjazzjoni nazzjonali milli jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha tal-federazzjoni internazzjonali għal perjodu massimu ta' sentejn;

(b) aktar minn atleta wieħed jew persuna oħra mill-assoċjazzjoni nazzjonali jikkomettu ksur tar-regoli tal-*anti-doping* waqt avveniment internazzjonali. F'dak il-każ, il-Kunsill, b'mod diskrezzjonali, jista' jirrifjuta kull assistenza proposta jew digà kommessa lill-assoċjazzjoni nazzjonali involuta; u

(ċ) assoċjazzjoni nazzjonali naqset milli tagħmel l-isforzi diligenti sabiex iżżomm lill-KAD infurmata dwar il-*whereabouts* ta' atleta wara li tkun irċiviet talba għal dik l-informazzjoni mill-KAD. F'dak il-każ il-Kunsill, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirrifjuta kull assistenza proposta jew diġà kommessa lill-assoċjazzjoni nazzjonali involuta, flimkien mal-ispejjeż kollha li ġġarrab il-KAD fl-ittestjar tal-atleti ta' dik l-assoċjazzjoni nazzjonali.

Appell minn deċiżjonijiet meħuda taħt dawn ir-regolamenti.

**14.** (1) Id-deċizjonijiet meħuda taħt dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu appellati kif stipulat taħt dan ir-regolament jew kif inhu provdut b'mod ieħor fil-Kodiċi jew fl-i*standard*s internazzjonali. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm ikunu taħt appell, sakemm il-korp tal-appell ma jordnax mod ieħor. Qabel ma jiġi ppreżentat l-appell, il-proċeduri dixxiplinarji indikati fir-regolament 9 għandhom ikunu eżawriti.

(2) L-iskop tar-reviżjoni f'appell tinkludi il-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-każ u huwa espressament mhux limitat għall-kwistjonijiet jew skopijiet tar-reviżjoni quddiem il-*panel* dixxiplinari tal-KAD jew tal-assoċjazzjoni nazzjonali.

(3) Kull appell miġjub quddiem il-CAS għandu jiġi trattat bħala każ ġdid. Meta tieħu d-deċiżjoni tagħha, il-CAS mhijiex obbligata tagħmel kunsiderazzjonijiet fuq id-diskrezzjoni eżerċitata mill-bord li ħa d-deċiżjoni appellata.

(4) Fejn il-WADA għandha dritt għal appell skont dan ir-regolament u l-ebda parti oħra ma tappella deċizjoni finali fi ħdan il-proċess tal-KAD, il-WADA tista' tappella din id-deċiżjoni direttament quddiem il-CAS mingħajr ma teżawrixxi r-rimedji l-oħra fil-proċess tal-KAD.

(5) Deċiżjoni li sar ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, deċiżjoni li timponi jew li ma timponix konsegwenzi għal ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, jew deċiżjoni li ma sar l-ebda ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, deċiżjoni li proċeduri ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma jistgħux jitkomplew minħabba raġunijiet proċedurali; deċiżjoni tal-WADA li ma tagħtix eċċezzjoni għar-rekwiżit tan-notifika ta' sitt xhur għal atleta rtirat sabiex jirritorna għall-kompetizzjoni skont ir-regolament 6(21); deċiżjoni mill-WADA li tagħti proċess tal-ġestjoni tar-riżultati skont l-artikolu 7.1 tal-Kodiċi; deċiżjoni minn assoċjazzjoni nazzjonali li ma tressaqx sejba analitika avversa jew sejba atipika bħala ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, jew deċizjoni li ma jittressaqx il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* wara investigazzjoni skont ir-regolament 8(1)(p); deċiżjoni għall-impożizzjoni ta' sospensjoni proviżorja bħala riżultat ta' smigħ provizorju; in-nuqqas tal-KAD jew tal-assoċjazzjoni nazzjonali milli tkun konformi mal-artikolu 7.9 tal-Kodiċi; deċiżjoni li l-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali ma għandhomx il-ġurisdizzjoni sabiex jieħdu deċizjoni fuq allegat ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u l-konsegwenzi tagħha; deċiżjoni biex jiġi sospiż, jew ma jiġix sospiż, perjodu ta' ineliġibbiltà jew biex jiġi reintegrat, jew ma jiġix reintegrat perjodu ta' ineliġġibilta' sospiż skont ir-regolament 11(4)(d)(i); deċiżjoni skont ir-regolament 11(23); u deċiżjoni mill-KAD li ma tirrikonoxxix id-deċiżjoni ta' organizzazzjoni tal-*anti-doping* oħra skont ir-regolament 16 jistgħu

jiġu appellatti b'mod esklussiv kif stipulat f'dan is-subregolament.

(6) F'każijiet li joriġinaw minn kompetizzjonijiet f'avveniment internazzjonali jew f'każijiet li jinvolvu atleti ta' livell internazzjonali, id-deċiżjoni tista' tigi appellata esklussivament quddiem il-CAS.

(7) F'każijiet fejn is-subregolament 6 mhux applikabbli, id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem korp tal-appell indipendenti u imparzjali li jiġi kostitwit mill-KAD jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali fi żmien wieħed u għoxrin jum minn notifika tad-deċiżjoni tal-panel dixxiplinarju nazzjonali tal-*anti-doping*. Il-proċedura quddiem dan il-*panel* tal-appell għandha tirrispetta l-prinċipji ta' smigħ fi żmien adegwat, *panel* li jmexxi smigħ ġust u mparzjali, id-dritt li persuna tiġi rrappreżentata minn avukat għas-spejjeż tagħha; u deċiżjoni li tkun bil-miktub u li tagħti r-raġunijiet mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata minn meta tinżamm l-aħħar smigħ;

(8) F'każijiet taħt is-subregolament (6), l-atleta jew persuna oħra li tkun is-suġġett tad-deċizjoni li tkun qed tiġi appellata; il-parti l-oħra fil-każ li fih ittieħdet id-deċizjoni; l-KAD, il-federazzjoni internazzjonali rilevanti; l-organizzazzjoni tal-*anti-doping* tal-pajjiż fejn il-persuna hija residenti jew il-pajjiżi fejn il-persuna għandha ċ-ċittadinanza jew għandha l-liċenzja; il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali jew il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, kif ikun applikabbli, fejn id-deċiżjoni jista' jkollha effett relatat mal-Logħob Olimpiku jew il-Logħob Paralimpiku inklużi deċizjonijiet li jaffettwaw l-eliġibbiltà għal-logħob Olimpiku jew logħob Paralimpiku; u l-WADA huma l-partijiet li għandhom dritt għall-appell quddiem il-CAS.

(9) F'każijiet taħt is-subregolament (7), il-partijiet li għandhom id-dritt għall-appell quddiem il-*panel* tal-appell fuq livell nazzjonali għandhom ikunu skont kif inhu stipulat fir-regolamenti tal-assoċjazzjoni nazzjonali iżda, mill-inqas, għandhom jinkludu l-atleta jew persuna oħra li tkun is-suġġett tad-deċizjoni li tkun qed tiġi appellata; il-parti l-oħra fil-każ li fih ittieħdet id-deċizjoni; il-KAD u l-federazzjoni internazzjonali rilevanti; l-organizzazzjoni nazzjonali tal-*anti-doping* tal-pajjiż fejn il-persuna hija residenti; il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali jew il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, kif ikun applikabbli, fejn id-deċiżjoni jista' jkollha effett relatat mal-logħob Olimpiku jew il-logħob Paralimpiku, inklużi deċizjonijiet li jaffettwaw l-eliġibbiltà għal-Logħob Olimpiku jew Logħob Paralimpiku; u l-WADA.

Iżda għall-każijiet taħt is-subregolament (7), il-WADA, il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, il-Kumitat Paralimpiku

Internazzjonali, u l-federazzjoni internazzjonali rilevanti għandu jkollhom id-dritt ukoll għall-appell quddiem il-CAS rigward id-deċizjoni tal-korp tal-appell fuq livell nazzjonali.

(10) Fejn, f'każ partikolari, il-KAD jew assoċjazzjoni nazzjonali, tonqos milli tagħti deċizjoni rigward jekk sarx ksur tar-regoli tal-*anti-doping* f'limitu ta' żmien raġjonevoli stabbilit mill-WADA, il-WADA tista' tiddeċiedi li tappella l-każ direttament quddiem il-CAS bħallikieku l-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali rilevanti tat deċizjoni li ma nstabx ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Jekk il-*panel* tas-smigħ tal-CAS jiddetermina li kien hemm ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u li l-WADA aġixxiet b'mod raġjonevoli fid-deċiżjoni li tappella direttament il-każ quddiem il-CAS, f'dak il-każ l-ispejjeż tal-WADA u l-ispejjeż tal-avukati li mexxew il-prosekuzzjoni tal-appell għandhom jintraddu lura lill-WADA mill-KAD, jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali, skont il-każ.

(11) Deċiżjonijiet dwar *TUE*s jistgħu jiġu appellati esklussivament kif dispost fir-regolament 5(5) sa (13).

(12) Fil-każ illi l-KAD, jew l-assoċjazzjoni nazzjonali, tkun parti minn appell, din għandha tagħti minnufih d-deċiżjoni tal-appell lill-atleta jew persuna oħra u lill-organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* l-oħra li kienu jkunu intitolati jappellaw skont is-subregolament (9) kif dispost mir-regolament 15(4).

(13) Iż-żmien għal rikors ta' appell quddiem il-CAS għandu jkun ta' wieħed u għoxrin ġurnata mid-data li l-parti appellanti tirċievi d-deċiżjoni. Minbarra dak imsemmi hawn fuq, li ġej għandu japplika b'rabta ma' appelli ppreżentati mill-parti intitolata għall-appell iżda li ma kinitx involuta fil-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni li hi soġġetta għall-appell:

(a) fi żmien għaxart'ijiem minn notifika tad-deċiżjoni, dik il-parti jew partijiet għandu jkollhom id-dritt li jitolbu mingħand l-organizzazzjoni li tkun ħarġet id-deċiżjoni kopja tar-rapport li qagħdet fuqu dik l-organizzazzjoni;

(b) fil-każ li t-talba ssir fi zmien għaxart'ijiem, il-parti li tagħmel dik it-talba għandu jkollha wieħed u għoxrin ġurnata minn meta tirċievi r-rapport biex tippreżenta appell quddiem il-CAS:

Iżda it-terminu għas-sottomissjoni ta' appell jew intervent sottomess mill-WADA għandu jkun l-aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata wara l-aħħar ġurnata li fih xi parti oħra fil-każ setgħet appellat jew wieħed u għoxrin ġurnata wara

li l-WADA tkun irċeviet il-fajl komplut relatat mad-deċizjoni.

Ħarsien ta' dawn ir-regolamenti.

**15.** (1) L-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali kollha għandhom iħarsu dawn ir-regolamenti. Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu inkorporati jew direttament jew b'referenza fir-regolamenti ta' kull assoċjazzjoni nazzjonali. L-assoċjazzjonijiet nazzjonali kollha għandhom jinkludu fir-regolamenti tagħhom ir-regolamenti proċedurali neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn ir- regolamenti tal-*anti-doping*. Kull assoċjazzjoni nazzjonali għandha tikseb l-għarfien u ftehim bil-miktub, fil-formola mehmuża bħala Skeda 1, tal-atleti kollha soġġetti għall-kontroll tad-*doping* u persunal tal-appoġġ tal-atleta għal dawk l-atleti. Madankollu, irrispettivament jekk il-formola ġietx iffirmata, ir-regolamenti ta' kull assoċjazzjoni nazzjonali għandhom jistipulaw li l-atleti, persunal tal-appoġġ tal-atleta u persuni oħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-assoċjazzjoni nazzjonali għandhom ikunu marbuta b'dawn ir-regolamenti.

(2) Bħala kundizzjoni sabiex jirċievu assistenza finanzjarja jew assistenza oħra mill-gvern ta' Malta u, jew il-Kunsill, assoċjazzjonijiet nazzjonali għandhom jaċċettaw u jikkonformaw mal-ispirtu u t-termini tal-programm tal-*anti-doping* nazzjonali u dawn ir-regolamenti, inkluża l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet tagħhom fuq individwi, u għandhom jirrispettaw l-awtorità ta' u jikkoperaw mal-KAD u l-awtoritajiet tas-smigħ fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-*anti-doping* li mhumiex regolati bir-regolamenti tal-federazzjoni internazzjonali rilevanti b'mod konformi mal-Kodiċi.

(3) Meta assoċjazzjoni nazzjonali tkun irċiviet allegazzjoni ta' ksur tar-regolamenti tal-*anti-doping* fuq wieħed mill-atleti tagħha, għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja lill-KAD, lill-federazzjoni internazzjonali u l-WADA fi żmien erbatax-il ġurnata mill-proċess deskritt fir-regolament 8(1) fil-każ ta' sejbiet analitiċi avversi u sejbiet atipiċi: l-isem, pajjiż, sport u dixxiplina fl-isport tal-atleta, jekk it-test kienx *in-competition* jew *out-of-competition*, id-data tal-ġbir tal-kampjun, ir-riżultat analitiku rraportat mil-laboratorju, u informazzjoni oħra kif mitlub mill-istandard internazzjonali għall-ittestjar u l-investigazzjonijiet, jew, għal ksur tar-regolamenti tal-*anti-doping* minbarra dawk imsemmija fir-regolament 3(2)(a), ir-regola miksura u l-bażi għall-ksur allegat. L-assoċjazzjoni nazzjonali għandha taġġorna regolarment lill-KAD, il-federazzjoni internazzjonali u l-WADA dwar l-istat u s-sejbiet ta' kull analiżi jew proċeduri li saru b'mod konformi mar-regolamenti 8, 9, jew 14, u informazzjoni komparabbli għandha tiġi provduta lill-KAD, il-federazzjoni internazzjonali u l-WADA fi żmien erbatax-il ġurnata min-notifika deskritta fir-regolament 8(1), rigward ksur ieħor ta' dawn ir-regolamenti. La l-KAD, la l-federazzjoni internazzjonali u lanqas il-WADA ma għandhom jiżvelaw din l-informazzjoni minbarra lil dawk il-persuni fl-organizzazzjonijiet

tagħhom li jkun neċessarju li jkunu jafu, sakemm l-assoċjazzjoni nazzjonali tagħmilha pubblika jew naqset milli tiżvela lill-pubbliku kif stipulat fis-subregolament (8).

(4) Deċiżjonijiet fuq ksur tar-regoli tal-*anti-doping* mogħtija skont ir-regolamenti 8(8), 9(7), 11(4)(a), 11(4)(d), 11(23) u 14(12) għandhom jinkludu r-raġunijiet sħaħ għad-deċiżjoni, inkluż, jekk applikabbli, ġustifikazzjoni għaliex ma ġietx imposta l-piena massima potenzjali. Organizzazzjoni tal-*anti-doping* illi għandha d-dritt tappella deċiżjoni riċevuta skont dan is-subregolament tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċivieha, titlob kopja tal-fajl tal-każ kollu li jappartjeni għad-deċizjoni.

(5) L-informazzjoni mogħtija mill-KAD jew l-assoċjazzjonijiet nazzjonali lil federazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* oħrajn u l-WADA, taħt dawn ir-regolamenti għandha tibqa' tinżamm strettament kunfidenzjali f'kull ħin; għandha tintuża esklussivament għall-finijiet ta' ppjanar, kordinazzjoni jew twettiq ta' testijiet u għandha tinqered wara li ma tkunx aktar rilevanti għal dawn il-finijiet.

(6) L-identità ta' kull atleta jew persuna oħra illi ġiet dikjarata mill-KAD jew assoċjazzjoni nazzjonali illi kommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, tista' tiġi żvelata pubblikament mill-KAD jew mill-assoċjazzjoni nazzjonali wara li l-atleta jew persuna oħra tkun ġiet notifikata skont ir-regolamenti 8(1)(c), (k), (n), (o) u (p) u lill-organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* applikabbli skont ir-regolament 15(3).

(7) Mhux aktar tard minn għoxrin ġurnata wara li jkun ġie determinat f'deċiżjoni finali tal-appell taħt ir-regolamenti 14(6) u 14(7), jew tali appell ikun ġie rrinunzjat, jew is-smigħ skont ir-regolament 9 ġie rrinunzjat, jew id-dikjarazzjoni ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma tkunx ġiet b'xi mod oġġezzjonata fil-ħin, il-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali għandha tiżvela pubblikament id-dispożizzjoni tal-materja tal-*anti-doping* inkluż l-is*port*, ir-regola tal-*anti-doping* miksura, l-isem tal-atleta jew persuna oħra li kkommettiet il-ksur, is-sustanza projbita jew il-metodu projbit involut u l-konsegwenzi imposti. Il-KAD jew l-assoċjazzjoni nazzjonali għandha ukoll tiżvela pubblikament fi żmien għoxrin ġurnata ir-riżultati tad-deċiżjoni finali tal-appell li jikkonċernaw il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, inkluża l-informazzjoni deskritta aktar 'il fuq.

(8) F'kull każ fejn jiġi determinat, wara smigħ jew appell, illi l-atleta jew persuna oħra ma kkommetietx ksur ta' regola tal-*anti-doping*, id-deċiżjoni tista' tiġi żvelata pubblikament biss bil-kunsens tal-atleta jew persuna oħra li hija s-suġġett tad-deċiżjoni. Il-KAD jew

l-assoċjazzjoni nazzjonali għandha tagħmel sforzi raġjonevoli sabiex iġġib tali kunens, u jekk il-kunens jiġi mogħti, għandha tiżvela ppublikament id-deċiżjoni b'mod sħiħ jew f'forma ridotta kif ikun approvat mill-atleta jew persuna oħra.

(9) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, it-tpoġġija tal-informazzjoni mitluba mis-subregolamenti (7) u (8), fuq il-websajt tal-KAD jew tal-assoċjazzjoni nazzjonali għandha tiġi kkunsidrata bħala żvelar pubbliku suffiċjenti jekk tali informazzjoni tibqa' imtellgħa għall-itwal perjodu bejn xahar jew id-durata tal-perjodu ta' ineliġibbiltà.

(10) Il-KAD, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u uffiċjali akkreditati mill-WADA, ma għandhomx jikkummentaw pubblikament fuq il-fatti speċifiċi dwar kull każ pendenti, madankollu jistgħu jagħtu deskrizzjoni ġenerali tal-proċess u x-xjenza, iżda mhux bħala risposta għal kummenti pubbliċi attribwiti lill-atleta, persuna oħra jew ir-rappreżentanti tagħhom.

(11) L-iżvelar pubbliku mandatorju stipulat fis-subregolament (7) mhuwiex neċessarju fejn l-atleta jew persuna oħra li tkun instabet li kkommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping* tkun minuri. Kull żvelar pubbliku volontajru f'każ illi jinvolvi minuri għandu jkun proporzjonali għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ.

(12) Kull deċiżjoni mill-federazzjoni internazzjonali jew l-assoċjazzjoni nazzjonali rigward ksur ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi rikonoxxuta mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali kollha li għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex dawk ir-riżultati jiġu fis-seħħ.

(13) Il-KAD għandha tippubblika kull sena rapport statistiku ġenerali tal-attivitajiet tagħha tal-kontroll tad-doping matul is-sena kalendarja b'kopja tiġi provduta lill-WADA.

(14) Il-KAD tista' tiġbor, iżżomm, tipproċessa u tiżvela informazzjoni personali relatata ma' atleti jew persuni oħra fejn hu neċessarju u xieraq sabiex tmexxi l-attivitajiet tal-*anti-doping* tagħha skont il-Kodiċi, dawn ir-regolamenti u l-is*tandard*s internazzjonali, u skont il-liġi.

Rikonoxximent tal-ittestjar eċċ.

**16.** Suġġett għad-dritt ta' appell, kif stipulat fir-regolament 14, l-ittestjar, riżultati ta' proċeduri ta' smigħ u deċiżjonijiet finali oħra ta' kull firmatarju tal-Kodiċi, li huma konsistenti mal-Kodiċi, u huma fil-limiti tal-awtorità tal-Firmatarju, għandhom jiġu applikati mad-dinja kollha, u għandhom jiġu rikonoxxuti u rispettati mill-KAD u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali. Il-KAD u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali

VERŻJONI ELETTRONIKA



għandhom jirrikonoxxu l-miżuri meħuda minn korpi oħra li ma aċċettawx il-Kodiċi jekk ir-regolamenti ta' dawk il-korpi huma b'xi mod konsistenti mal-Kodiċi.

Perjodu preskrittiv.

**17.** L-ebda proċedura fuq ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ma għandha tibda skont dawn ir-regolamenti kontra atleta jew persuna oħra sakemm tiġi notifikata dwar il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* kif dispost fir-regolament 8, jew sar tentattiv raġjonevoli sabiex issir in-notifika, fi żmien għaxar snin mid-data meta l-vjolazzjoni tkun saret.

Rapport lill-WADA.

**18.** Il-KAD għandha tirrapporta lill-WADA fuq il-konformità tal-KAD mal-Kodiċi kif dispost mill-Foundation Board tal-WADA u għandha tispjega r-raġunijiet għal kull nuqqas ta' konformità.

Dispożizzjonijiet mixxellanji.

**19.** (1) Il-KAD tista' minn żmien għal żmien toħroġ kummenti u linji gwida li jirreferu għal dawn ir-regolamenti.

(2) L-Iskeda għandha tiġi kkonsidrata bħala parti integrali ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Dawn ir-regolamenti ġew adottati b'konformità mad-disposizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi u għandhom jiġu interpretati b'mod li jkun konsistenti mad-disposizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi. Il-kummenti li jannotaw id-diversi disposizzjonijiet tal-Kodiċi għandhom jintużaw sabiex, fejn ikunu applikabbli, jassistu fil-fehim u l-interpretazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw retrospettivament għal kwistjonijiet pendenti qabel id-data ta' meta dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ.

Tħassir tar-regolamenti tal-*Anti-Doping*, L.S. 455.08

**20.** Ir-regolamenti tal-*Anti-Doping* huma b'dawn imħassra.

B 128

**SKEDA**

**(Regolament 15)**

**RIKONOXXIMENT U FTEHIM DWAR L-*ANTI-DOPING* TAL-PERSUNAL TAL-APPOĠĠ TAL-ATLETA**

Jiena, bħala membru tal-Assoċjazzjoni _____ b'dan qiegħed nirrikonoxxi u naqbel ma' dan li ġej:

(a) Nifhem b'mod sħiħ ir-Regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali u d-disposizzjonijiet tiegħu u l-konsegwenzi ta' *doping*.

(b) Nagħti l-kunsens tiegħi u naqbel li nħares u nkun marbut bid-disposizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali.

(ċ) Nirrikonoxxi u naqbel li l-Kummisjoni tal-*Anti-Doping* għandha l-kompetenza li timponi sanzjonijiet kif stipulat fir-Regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali.

(d) Qrajt u fhimt dan ir-Rikonixxment u l-Ftehim.

_____ _____
Isem Sħiħ Firma

_____ _____
Numru ta' Identifikazzjoni Data

**FORMOLA TAL-KUNSENS TAL-ATLETA**

(a) Jiena b'dan nirrikonoxxi li nifhem b'mod sħiħ ir-Regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali u d-disposizzjonijiet tiegħu u l-konsegwenzi tad-*doping*.

(b) Nifhem li għandi nkun disponibbli għall-testijiet kemm In-Competition kif ukoll *Out-of-Competition* skont il-proċeduri adottati mill-Kummissjoni tal-*Anti-Doping* (NADO).

(ċ) Nifhem ukoll li n-nuqqas jew rifjut li nipprovdi kampjun jista' jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping*.

(d) Ninsab konxju li d-*data* tal-Kontroll tad-*Doping* tiegħi ser tintuża fi programmi tal-*anti-doping* għall-iskoperta, deterrenza u prevenzjoni tad-doping.

(e) Nifhem li l-irtirar tal-kunsens tiegħi għall-ipproċessar tad-*data* tal-Kontroll tad-*Doping* tiegħi jiġi miftiehem bħala rifjut li nipparteċipa fi proċeduri tal-kontroll tal-*anti-doping* obbligatorji permezz tar-regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali u jista' jirriżulta f'sanzjonijiet dixxiplinarji u sanzjonijiet oħra jiġu mposti fuqi.

(f) Bl-iffirmar ta' din il-formola, jiena b'dan qiegħed niddikjara li naqbel li nirrispetta r-regolamenti tal-*Anti-Doping* Nazzjonali u li nagħti l-kunsens espress tiegħi li nipprovdi kampjuni għal testijiet kif ukoll nagħti l-kunsens tiegħi għall-ipproċessar tad-data marbuta mal-Kontroll tad-*Doping*.

| | |
|---|---|
| _____ | _____ |
| Isem Sħiħ tal-Atleta | Firma |
| _____ | _____ |
| Isem sħiħ tal-Ġenitur/Gwardjan (atleti taħt it-18-il sena) | Firma |
| _____ | _____ |
| Data tat-Twelid tal-Atleta | Assoċjazzjoni tal-I*sport* |
| _____ | |
| Data | |